# FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 29 ta' Ottubru 2024**

**Rikors numru 117/2020**

**Mary Lourdes Bonello (K.I.546373M)**
**vs.**
**Anthony Micallef (K.I.48948M) u Joseph Micallef (K.I.419478M) kjamat in kawża b'digriet tal-20 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. RIKORS

1. Rat ir-rikors ta' Mary Lourdes Bonello ippreżentat fis-6 ta' Frar 2020, permezz ta' liema talbet hekk:

L-esponenti nomine għalhekk titlob lil din l-Onorabbli qorti jogħġobha:

i) Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' mija u disgħa u sittin elf mitejn u tlieta u għoxrin ewro disgħa u sittin ċentezmu €169,223.69, jew somma verjuri.

ii) Tikkundanna lill-konvenuti jirrifondi lura l-ammont ta' mija u disgħa u sittin elf u tlieta u għoxrin ewro, disgħa u sittin ċentezmu €169,223.69 jew somma verjuri;

Bl-ispejjeż kollha nklużi tal-ittra uffiċjali 256/2020 u l-ittra ufficjali 257/2020, l-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi, kontestwalment ippreżentat ma' dan ir-rikors ġuramentat, u bl-imgħax legali mid-data tal-iżbank sal-ħlas effettiv kontra l-konvenut minn issa inġunt in subizzjoni.

Bir-riversiva ta' kull dritt u azzjoni fil-liġi.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut Anthony Micallef ippreżentata fit-28 ta' Frar 2020, permezz ta' liema għar-raġunijiet premessi oppona għat-talbiet.

3. Rat li fit-28 ta' Frar 2020, il-konvenut Anthony Micallef ippreżenta talba rikonvenzjonali.

4. Rat ir-risposta ta' l-attrici Mary Lourdes Bonello għall-kontro-talba, ippreżentata fl-10 ta' Marzu 2020. (fol 31).

5. Rat illi permezz ta' digriet tal-20 ta' Ottubru 2020, din il-qorti diversament ippreseduta ordnat il-kjamat in kawża ta' Joseph Micallef.(fol 56).

6. Rat ir-risposta ta' Joseph Micallef fid-9 ta' Novembru 2020.

7. Rat is-sentenza in parte, ta' din il-qorti diversament ippreseduta tat-28 ta' Lulju 2020, li permezz tagħha, ġew miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari ta' Anthony Micallef. (fol 36)

8. Rat ukoll is-sentenza in parte ta' din il-qorti diversament ippreseduta tas-16 ta' Diċembru 2021, li permezz tagħha, il-qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni magħmula minn Anthony Micallef kif ukoll minn Joseph Micallef a tenur tal-artikoli 2153, 2156f u 2157 tal-Kodiċi Ċivili.(fol 186).

9. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippreżentati fis-17 ta' Lulju 2024.

10. Rat ix-xhieda kollha, id-dokumenti u l-atti proċesswali.

11. Rat li fil-verbal tat-18 ta' April 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## B. FATTI TAL-KAŻ

12. Il-fatti tal-każ (in suċċint) huma li fil-5 ta' Frar 2015, il-konvenut Anthony Micallef, deher permezz ta' prokuri għan-nom tal-attriċi Mary Lourdes Bonnelo, u kif ukoll għan-nom ta' ommha Anna Bonello, illum defunta, fuq bejgħ tal-fond numru 65 u 66, Triq San Pawl tal-Pitkali ġewwa Ħad-Dingli, fl-atti tan-Nutar Robert Micallef.

F'dan il-kuntratt ta' bejgħ Anthony Micallef kellu prokura għan-nom ta' Anna Bonello datata 27 ta' Lulju 2012, u prokura għan-nom ta' Mary Lourdes Bonello datata 28 ta' Novembru 2012. Il-bejgħ in kwistjoni tal-imsemmi fond f' Ħad-Dingli sar lil Gerald Muscat, li xtara din il-propjetà flimkien ma' martu. Illum il-fond ġie trasformat fi tliet sulari, appartamenti u penthouse u garaxxijiet. Illi l-imsemmi bejgħ seħħ għall-ammont ta' €150,000. Nofs ir-rikavat ta' dan l-ammont ta' €150,000 baqa' m'għaddhiex lill-attriċi, u lanqas lil omm defunta Anna Bonello f'kont bankarju tagħhom.

13. Il-konvenut Anthony Micallef jgħid li huwa dakinhar stess tal-iffirmar tal-kuntratt għadda l-ammont tar-rikavat fi flus kontanti lil oħtu Anna Bonello li kienet rikoverata u tirrisjedi f'dar tal-anzjani fl-Imtarfa. Madankollu kemm Anthony Micallef kif ukoll ibnu Joseph u l-ex sieħba ta' Joseph Micallef Denise Balzan jiġi ikkonfermat li l-ammont ta' €150,000 ġew sussegwentement mgħoddija Joseph Micallef.

14. L-attriċi Mary Lourdes Bonello ingħad li hija wild adottata ta' Anna Bonello nonche l-unika werrieta universali ta' Anna Bonello kif jirriżulta minn testment magħmul fl-atti tan-nutar Naomi Mugliett datat 30 ta' April 2012, Dok C fol 18. F'dan it-testment Anna Bonello indikat lil Anthony Micallef bħala eżekutur testamentarju, u f'każ li dan ma jistax jassumi dan ir-rwol lil ibnu Joseph Micallef. Mill-provi ma jirriżultax li dan ir-rwol ġie aċċettat jew ikkonfermat mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, kif rikjest mill-artikolu 756 tal-Kodiċi Ċivili. Fin-nuqqas t'aċċettazzjoni tar-rwol ta' eżekutur testamentarju, jidher li Anthony Micallef b'xi mod baqa' jaġixxi bl-użu tal-prokura li kellu mogħtija lilu mill-attriċi Mary Lourdes Bonello. Din il-prokura kienet datata 27 ta' Lulju 2012 u bħala mandatarji tal-attriċi kien hemm ukoll Joseph Micallef. Jingħad li din kienet ġiet irtirata minnha fil-31 ta' Mejju 2017. Jirriżulta pero li kienet saret prokura oħra mill-attriċi fid-9 ta' Frar 2019, din id-darba lill-konvenut Anthony Micallef biss fis-26 ta' Frar 2019. Din il-prokura reġgħet ġiet irtirata mill-ġdid fit-8 ta' Jannar 2020. Jirrizulta li Anthony Micallef kien ħa ħsieb iħallas it-taxxa dovuta *causa mortis* wara l-mewt ta' Anna Bonello.

15. Fl-istess ġurnata tal-mewt ta' Anna Bonello fit-28 ta' Frar 2015, il-konvenut Anthony Micallef ġibed l-ammont ta' €6980.36 mill-kont tal-Bank of Valletta numru 14601859073. Micallef jgħid li huwa uża dawn il-flejjes biex jitħalsu l-ispejjeż għall-funeral u għal xi djun li Anna Darmanin kienet akkumulat fi ħwienet f' Ħad-Dingli. Minn kont ieħor tal-bank Bank of Valletta numru 14601859060 jirriżulta li ġie

żbankat l-ammont ta' €12,243.33 fil-5 ta' Awissu 2015, qabel ma inghalqu l-kontijiet bankarji.

## C. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

16. Permezz ta' din l-azzjoni l-attriċi qegħda titlob li l-konvenut Anthony Micallef jiġi ordnat jirrifondi lura l-ammont ta' €169,223.69.

17. Min-naħa l-oħra l-konvenut, Anthony Micallef sostna illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex huwa dejjem esegwixxa l-obbligi tiegħu skond il-liġi, u m'għandux ibati l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni, stante li l-attriċi kienet ġiet iddiffidata milli tieħu xi azzjoni fil-konfront tiegħu permezz ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Frar 2020 numru 373/2020 Dok A fol 16.

18. Anthony Micallef jagħmel talba rikonvenzjonali, għax kompla jgħid li huwa kien għen lil oħtu defunta, kif ukoll lill-attriċi sabiex tbiegħ il-fond numru 65, 66 fi Triq San Pawl tal-Pitkali f'Ħad-Dingli, huwa kien sab il-bejgħ ta' dan il-fond, u baqa' ma tħallasx tas-senserija.

19. Jgħid li għalkemm kien jippresta serviġi lil oħtu u lir-raġel tagħha għall-aħħar għoxrin sena ta' ħajjithom, huwa baqa' ma tħallas xejn tas-serviġi.

20. Huwa sostna wkoll, illi wara l-mewt ta' oħtu Anna Bonello, huwa ħa ħsieb iħallas il-funeral tagħha, kif ukoll kull kont li kellha pendenti u l-*causa mortis* tal-attriċi Mary Lourdes Bonello, kif jidher f’Dok H fol 27, b'mod li ma baqa' xejn pendenti.

21. Fir-risposta tagħha għall-kontro-talba, l-attriċi sostniet li ma kienetx il-leġittimu kontradittur għat-talba għall-ħlas ta' serviġi reżi lid-defunta Anna Bonello imma *se mai* kienet l-eredità tad-defunta Anna Bonello li kienet il-leġittimu kontradittur. Sostniet ukoll li l-ewwel talba rikonvenzjonali għall-ħlas ta' serviġi kienet preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwennali, għaliex qabel il-mewt tad-defunta Anna Bonello fit-28 ta' Frar 2015, hija kienet rikoverata għal snin ġo residenza għall-anzjani u l-ħtiġijiet tagħha kollha kienu qed jiġu indirizzati mill-amministrazzjoni ta' dak il-post.

22. L-attriċi qalet ukoll li t-tieni talba fil-kontro-talba kienet preskritta fit-termini tal-artikolu 2148(e) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta'

Malta. Di piu`, saħqet li persuna li għandha l-prokura għandha tamministra l-assi bħala *bonus pater familias* meta beda jara l-interessi personali kummerċjali, biex jagħmilha ta’ sensar biex ibiegħ il-proprjetà fdata lilu biex jamministraha.

23. Joseph Micallef, li ġie kjamat in kawża, wieġeb li t-talbiet tal-attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, għaliex huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-obbligi u responsabbiltà ta' missieru Anthony Micallef. Inoltre, sostna li qatt ma kien prokuratur ta' Anna Bonello jew tal-attriċi, u l-prokura eżebita fl-atti mill-attriċi datata 27 ta' Lulju 2012 ma kienetx iffirmata minnu. B’hekk sostna li huwa ma kienx debitur tal-attriċi.

**Ikkunsidrat**

24. L-ewwel konsiderazzjoni li din il-Qorti hija kostretta tagħmel f’dan il-każ hija n-nuqqas ta’ provi fuq l-iżjed aspetti saljenti kemm tal-kawża kif ukoll tal-kontro-talba. Din il-Qorti ssibha ferm diffiċli tifhem kif f’dan il-każ tant delikat, il-provi li tresqu kienu skarsi fis-sustanza tal-azzjoni u tar-rikonvenzjoni. Agħar minn hekk il-ftit provi li tressqu kienu konfliġġenti għall-aħħar. Il-partijiet kienu mistennija li jippruvaw il-każ jew id-difiża rispettiva tagħhom bi provi ammissibbli li jissodisfaw il-kriterji tal-aħjar prova. Anke hawn, dan il-każ huwa nieqes minn dan ir-rekwiżit bażiku proċedurali f’diversi aspetti tiegħu.

25. It-tieni konsiderazzjoni li hija doveruża li tiġi msemmija hi li din il-Qorti mhix investigatur. Hija tistrieħ fuq dawk il-provi preżentati lilha u ma tistax tibbaża l-ġudizzju tagħha fuq dak li tista’ taħseb x’ġara bejn il-partijiet. Il-Qorti ma tistax tiddeċiedi din il-kawża fuq assunzjonijiet jew konġetturi. U l-anqas ma jistgħu l-partijiet jippretendu li din il-Qorti tissuplimenta bl-immaġinazzjoni tagħha dak li huma naqsu milli jippruvaw bil-provi li kellhom l-opportunita kollha li jresqu u li effettivament, għal raġuni jew oħra ma resquhomx.

26. Min jallega jrid jipprova. Fil-kawża **Martin Mifsud et vs. Marica Almerigo** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' April 2013 ingħad:

> Min jallega jrid jipprova – *qui allegat probat*. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur tal-artikolu 562 tal-Kapitolu 12. L-artikolu 559 wkoll jipprovdi li il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.

27. Fil-każ fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Hili** deċiż mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fis-27 ta' Ġunju 1953 ingħad:

> Ma hux dubitat li r-regola ġenerali hi 'l-onus probandi' u fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegah, '*ei incubit probatio qui dicit non ei qui negat*.'

28. Ma jirriżultax kontestat li l-konvenut Anthony Micallef deher fuq il-kuntratt tal-bejgħ tal-fond numru 65 u 66, fi Triq San Pawl tal-Pitkali ġewwa Ħad-Dingli, datat 5 ta' Frar 2015, bis-saħħa tal-prokura mogħtija lilu minn Anna Bonello u Mary Lourdes Bonello. Għalkemm ma ġiex kontestat li dak il-fond kien jappartjeni lill-attriċi Mary Lourdes Bonello u lid-defunta Anna Bonello, oħt il-konvenut Anthony Micallef, ebda kopja ta' dan il-kuntratt ma ġiet eżebita biex, inter alia, turi s-sehem li l-attriċi kellha minn dan l-istabbli jew il-provenjenza ta' sehemha. L-aqwa prova oġġettiva, dokumentarja u faċilment disponibbli lill-attriċi bħal ma kienet il-kopja awtentika ta' dan l-att tal-bejgħ li juri min kien il-venditur fuq dan l-att, x'kienu l-kundizzjonijiet stipulati fuqu, u fuq kollox min kien intitolat għar-rikavat u f'liema ishma, ma nġiebitx. L-attriċi tippremetti li l-konvenut deher fuq dan il-kuntratt f'isimha u f'isem Anna Bonello, iżda l-aqwa prova ta' dan ma nġiebetx.

29. Dwar dan il-punt din il-Qorti għandha x-xiehda ta' Gerald Muscat li jsemmi b'mod vag li xtara mingħand Mary Lourdes Bonello jew oħt Toninu; iżda huwa jżid li kien tkellem ma' Toninu, preżumibbilment il-konvenut. Man-nisa, preżumibbilment l-attriċi u Anna Bonello, huwa qatt ma ltaqa' jew ikkontratta. Dan ix-xhud kien riluttanti anke jgħid jekk ħallasx il-prezz b'ċekk, b'self jew bi flus kontanti. Mix-xiehda inutli ta' martu l-Qorti ma tista' tislet xejn ta' sugu għax din donnha tħalli kollox f'idejn żewġha. Żgur hu li dawn xtraw il-fond de quo, u li għalih ma jirriżultax li ħadu xi self bankarju. Ġie pruvat sal-grad tal-probabbli li l-ħlas għal dan il-bejgħ kien sar bi flus kontanti.

30. In-Nutar Robert Micallef, għalkemm kien hemm tentattivi biex jiġi inġunt baqa' ma xehedx. Wisq anqas ġiet prodotta kopja tal-kuntratt pubblikat minnu. Ix-xiehda ta' Denise Balzan ukoll ma tagħtix stampa ċara tal-jeddijiet li kellha l-attriċi fuq dan il-fond, għajr ħlief li dan il-fond kien ġebel u saqaf u kien ġie mibni minn missier Mary Lou.

31. Jekk l-attriċi kienetx il-werrieta ta' sehem missierha minn dan il-fond ma ġiex pruvat bi provi oġġettivi. Ebda prova dwar is-suċċessjoni tiegħu li tista' titfa' dawl dwar jekk dan il-fond kienx messha sehem minnu l-attriċi jew kienx proprjeta ta' Anna Bonello ma ġiex pruvat.

32. A fol 218 l-Avukat tal-attriċi staqsiet lill-konvenut dwar is-sehem ta' nofs ta' Mary Lou lil min tahom, Anthony Micallef iwieġeb "x'nofs huma"? Anthony Micallef jixhed li kien għadda l-flus kollha tar-rikavat lil oħtu Anna Bonello. Jekk xejn dan jipprova li verament l-attriċi dakinhar tal-bejgħ tal-fond ma ħaditx parti minn dawn il-flus.

33. Fix-xiehda tal-konvenut a fol 215 jirriżulta li huwa kien deher fuq il-kuntratt tal-bejgħ tal-fond – għalkemm anke hawn il-Qorti trid tassumi li qegħdin jitkelmu fuq il-fond 65 u 66, fi Triq San Pawl tal-Pitkali ġewwa Ħad-Dingli mill-fatt li jissemma li l-prezz kien ta' €150,000 jew €150,000 "xi ħaġa hekk" u l-fatt li n-Nutar kien wieħed Micallef. L-indirizz ma ġiex mistqarr.

34. L-attriċi preżentat affidavit a fol 248. Tgħid li zijuha kien jieħu ħsieb il-flus u kienet tagħtu prokura. Hija ma kienetx marret għand in-Nutar biex tbiegħ u l-anqas kienet taf li sar il-bejgħ għajr li kienet ġarret fid-dar li kellhom faċċata, fejn għadha toqgħod. Iżżid li zijuha ma tahiex flus mill-bejgħ tad-dar u l-anqas il-bank ma ġew depożitati. L-anqas il-flus li ommha kellha l-bank ir-Rabat ma ħadet. Hija tgħid li dawk kienu flusha u rieditihom. Qalet lill-avukati tagħha biex jaraw x'ġara. Zijuha qatt ma kien jgħidilha xejn x'qed jagħmel u illum ma għadux jeħdolha ħsieb l-affarijiet tagħha. Minkejja dan, fl-affidavit tagħha ma tgħid xejn sewwasew x'kien is-sehem tagħha minn dak il-fond li nbiegħ u kif ġie għandha. L-anqas ma provdiet prova oħra dokumentarja li turi biċ-ċar il-bażi tat-talba tagħha għall-flus li hija tippretendi li kellha minn dak il-bejgħ ta' dik id-dar, fosthom jekk wirtitx xi sehem mingħand missierha jew jekk akkwistatx xi sehem minn dak il-fond b'mod u manjiera li turi li hija kellha xi sehem flimkien m'ommha Anna Bonello, jew xi sehem ieħor lil hinn min dan.

35. Meta xehdet l-attriċi a fol 278, hija kienet ċara dwar liema post inbiegħ u liema ma nbiegħx. Kienet taf li dak li nbiegħ kien bin-numru 66 u li dan inbiegħ meta ommha kienet għadha ħajja. Tgħid li kienet taf li l-flus ma ħadithomx ommha imma ħadhom zijuha Anthony Micallef. Anzi tgħid li huwa kien mar iqegħdhom il-Bank

wara li l-flus kienet tagħthomlu ommha għax kienet għadha ħajja (tergo fol 278). Li tgħid huwa li kien hu – preżumibbilment zijuha – li mar igerfex fuq il-post u ma tahiex flus. Il-flus tgħid li ma kienetx taf għand min għaddew. Taf li lil ommha kien jieħu ħsiebha zijuha, iżda tkompli żżid li "kien ħadilha kollox flus". In kontro eżami tgħid li kellha żewġ proprjetajiet – waħda nbiegħet u l-oħra kważi. Tgħid li kien taha penthouse imma ma riedetx toqgħod fiha. Kif taha penthouse, liema u min ma jirriżultax mill-provi. Tgħid li kienet Denise Balzan li qaltilha li Anthony Micallef kien ħa l-flus il-Bank. Pero terġa żżid li ma kien baqa xejn u kien ħadhom kollha hu, Anthony Micallef, il-flus, kif ukoll ħadilha l-libsa tat-tull, il-libsa tal-kor u affarijiet oħra li ma tafx fejn qegħdhom.

36. Il-konvenut preżenta affidavit a fol 289 fejn huwa jgħid li kien deher fuq il-kuntratt tal-bejgħ tal-proprjeta 65 u 66, Triq San Pawl tal-Pitkali, Ħad-Dingli. Huwa jgħid li deher fuq dan l-att ta' bejgħ għax hu kellu prokura biex jaġixxi f'isem oħtu Anna u bintha Mary Lou.[1] Din il-proprjeta kienet inbiegħet għal-prezz ta' €150,000, u tħallas in kontanti kif kienet talbitu Anna Bonello. Dawn il-flus kien għaddihom lil oħtu Anna – fuq talba t'Anna stess - billi qegħdhom f'envelope kbir fid-dar fejn kienet toqgħod fl-Imtarfa wara li kien sar il-kuntratt madwar is-sebgħa u nofs jew it-tmienja ta' filgħaxija. Hemmhekk jgħid li Anna kienet qaltlu li dawk il-flus kienet sejra ttihom lil ibnu Joseph "bħala ringrazjament ta' dak kollu li konna nagħmlu magħha u xogħol li wettaqna magħhom tul is-snin". Iżid jgħid li hu staqsa lil Anna Bonella jekk Mary Lou kienetx taf li Anna kienet sejra tagħti dawk il-flejjes lil ibnu Joseph u Anna assikuratu li bintha kienet taf b'dan, għax lil Mary Lou kienet sejra tħallilha t-tieni post li Anna kellha f'Ħad-Dingli. Anthony Micallef iżid igħid ukoll li kemm l-attriċi kienet taf li ommha kienet tat dawn il-flus lil ibnu Joseph jirriżulta mill-fatt li l-attriċi qatt ma kienet staqsietu dwarhom u kien biss lejlet li fetħet din il-kawża li bdiet tgħid li ma kienetx taf x'sar minnhom dawn il-flus. Ħalliet ħames snin igħaddu qabel ma staqsiet fuqhom. Iżid ukoll li wara dak il-bejgħ huwa kien għamel iżjed minn sentejn oħra bil-prokura favur tiegħu mingħand l-attriċi qabel ma hija ħasritha fil-31 ta' Mejju 2017. Iżda wara ftit taż-żmien, fid-9 ta' Frar 2019 l-attriċi reġgħet iffirmatlu prokura oħra – erba' snin wara li huwa suppost kien ħadilha dawn il-flus u ma tahiex rendikont tagħhom. Din l-aħħar prokura kienet baqgħet fis-seħħ sa ftit żmien qabel ma l-attriċi intavolat dawn il-proċeduri.

[1] Fil-fatt jirriżulta li dan huwa minnu għax il-prokura datata 27 ta' Lulju 2012 kienet prokura mogħtija lilu kemm minn oħtu Anna kif ukoll minn Mary Lou Bonello. B'xorti ħażina l-anqas dan ma allura jista' jitqies prova dwar xi titolu li l-attriċi kellha mill-fond meritu tal-kwistjoni.

37. Anthony Micallef jikkonferma li huwa ġibed €6980.63 mill-kont tal-Bank of Valletta 14601859073 fl-istess jum li mietet oħtu. Huwa għamel dan biex ikun jista' jħallas l-ispejjeż tal-funeral u kontijiet oħra pendenti li kellha oħtu kif ukoll djun li kienet għamlet l-attriċi mal-ispiżerija u l-grocer f'Ħad-Dingli, kif ukoll kien ħallas xi flejjes lil Mary Lou meta din siefret.

38. Dwar l-ammont ta' €12,243.33 li ġew meħuda mill-kont tal-Bank of Valletta numru 14601859060 fil-5 t'Awissu 2015, Anthony Micallef igħid li huwa ma kien jaf xejn dwarhom u dak l-iżbank ma kienx għamlu hu. Iżid li kien hemm żmien fejn minbarra hu kien hemm ukoll in-Nutar Anthony Abela li kellu prokura ta' oħtu Anna u ta' Mary Lou.

39. Fil-fatt fl-affidavit tiegħu, Joseph Micallef jikkonferma li huwa qatt ma kellu prokura biex jaġixxi f'isem Anna Bonello. Sussegwentement, fl-istess affidavit isostni li xi jumejn wara li kien sar il-bejgħ tal-fondi f' Ħad-Dingli għall-ammont ta' €150,000, kienet ċemplitlu iz-zija, Anna Bonello, biex imur sa ħdejha fid-dar tal-anzjani fl-Imtarfa fejn kienet rikoverata, u meta mar hemmhekk waħdu poġġa bil-qiegħda fil-kamra taz-zija, u qaltlu li se ttih dak li kienet wegħditu. Tatu envelope, u qaltlu sabiex ma jiftħux sakemm jasal id-dar. Meta wasal id-dar, fetħu u sab li fl-envelope kien hemm l-ammont ta' €150,000.

40. Denise Balzan li kienet is-sieħba ta' Joseph Micallef u kienu jgħixu flimkien ma' missieru Anthony Micallef, ikkonfermat li l-ammont ta' €150,000 rappreżentanti r-rikavat mill-bejgħ tal-propjetà 65 u 66 fi Triq San Pawl tal-Pitkali, Ħad-Dingli kien jinsab għand Joseph Micallef. Fl-affidavit tagħha fol 264, Denise Balzan issostni li Joseph kien jgħidilha li Anna Bonello kienet tgħidlu li l-post li inbiegħ, kien għalih ta' kemm kien idur biha. Hija semmiet ukoll fl-affidavit taghha, li Anna Bonello <u>kienet qaltilha</u> wkoll li ser taħseb f'bint Denise Balzan stess u li l-post kien għaliha. Fix-xhieda tagħha in kontro-eżami tas-7 ta' Frar 2023, Denise Balzan sostniet li Anthony Micallef ma qallhiex ġabx il-flus dakinhar tal-kuntratt tal-bejgħ, peress li huma kienu joqgħodu fl-istess dar, iżda sostniet li kienet Anna Bonello li tat il-flus lil Joseph Micallef u b'hekk il-flus spiċċaw għandu. Joseph Micallef sostna magħha li meta kien mar waħdu jara lil Anna Bonello din kienet tatu envelope bl-ammont ta' €150,000 u qaltlu biex ma jifthux, u kien fetħu meta kien wasal lura d-dar.

41. Min-naħa l-oħra, l-attriċi tikkonferma l-fatt li sehemha mill-bejgħ li seħħ fil-5 ta' Frar 2015, baqa' ma għadda qatt għandha u wisq anqas ġie depożitat fil-kont bankarju tagħha jew ta' ommha.

42. Għalkemm din l-azzjoni mhix azzjoni ġudizzjarja għal rendikont minn mandatarju, l-attriċi qegħda xorta waħda tippretendi wkoll spjegazzjoni mill-konvenut Anthony Micallef tal-ammonti żbankati bil-prokura tiegħu fid-data tal-mewt ta' ommha Anna Bonello fit-28 ta' Frar 2015, mill-kont Bank of Valletta numru 14601859073, fl-ammont ta' €6980.36 u l-ammont żbankat wkoll fil-5 ta' Awwissu 2015 fl-ammont ta' €12,243.33 mill-kont bankarju Bank of Valletta numru 14601859060.

43. Fl-affidavit tiegħu Anthony Micallef isostni illi b'dawn il-flus li huwa żbanka ħallas il-funeral kif ukoll id-djun li Anna Bonello, u Maria Lourdes Bonello li kellhom ma' ħwienet ġewwa Ħad-Dingli fosthom spiżeriji u grocer.

44. Denise Balzan is-sieħba ta' Joseph Micallef meta mistoqsija speċifikatament, dwar l-ammont ta' "€12,000" li kien hemm fil-kont bankarju tad-defunta Anna Bonello, wieġbet hekk:

> Avukat Dr. Dalli: U inti kont taf dawn it-tnax-il €12,000 għax qallek Tonin naqblu?
>
> Denise Balzan: U żgur għax hu kien prokuratur tagħha.
>
> Avukat Dr. Dalli: Kien prokuratur. U lilek kien jafdak, kien jgħidlek Tonin mhux hekk?
>
> Denise Balzan: Eżatt.
>
> Avukat Dr. Dalli: Kien jgħidlek li għandha €12,000?
>
> Denise Balzan: Iva.....
>
> Avukat Dr. Dalli: Kif kien jgħidlek li l-flus tal-post..
>
> Denise Balzan: Qalli qalli qali.

45. Dwar dawn il-punti kollha iżjed il-fuq elenkati jeżistu provi konfliġġenti. Issir referenza għal dak li jingħad fil-każ deċiż mill-

Prim Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966 fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia**:[2]

> Mhux kwalunkwe tip ta' kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet għandu jħalli lill-qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-*in dubio pro reo*. Il-kunflitt fil-provi sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni huma ħaġa li l-qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha........ Meta l-każ ikun hekk il-qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatojja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet fid-dawl ta' soliti kriterji tal-kredibilità u tal-preponderanza tal-provi għax dawn f'kawża ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant......... Anzi f'każijiet bħal dawn aktar ma jkun il-kunflitt bejn verżjoni oħra, aktar tidher il-possibiltà tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti.

46. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cutajar vs. Albert Satariano**, Appell Ċivili deċiż fis-27 ta' Ġunju 2007, ingħad li, meta trattandosi ta' żewġ verżjonijiet konfliġġenti, il-Qorti jkollha testendi l-indaġini fuq il-provi dokumentali, li għandhom iwasslu għas-soluzzjoni ġusta tal-vertenza.

47. Meta l-Qorti tkun rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti il-Qorti għandha tkun iggwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha. Fl-appell ċivili inferjuri **Maria Xuereb et vs. Clement Gauci et** intqal li l-Qorti trid:

> Tgħaraf tislet minn dawn il-provi korraborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u
>
> Fin-nuqqas li tiġi applikata il-massima *actore non probante reus absolvitur*.

48. F'każijiet bħal dawn fejn hemm żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti, il-Qorti trid tistħarreġ u tara liema verżjoni hija aktar verosimili.[3]

---

[2] Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Borg et vs Joseph Bartolo** deċiż fil- 25 ta' Ġunju 1980 Appell Ċivili Sede Inferjuri ġie speċifikat:

> Fi kwistjoni ta' kredibilità u apprezzament ta' provi il-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn ewl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.

[3] "F'każ ta' konflittwalità, il-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi wahda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq bilanċ ta' probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi"........Għandu jiġi eżaminat jekk xi wahda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement, ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi wahda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll

**Ikkunsidrat :**

49. Il-kontestazzjoni hija prinċipalment dwar l-ammont ta' €150,000 rappreżentanti r-rikavat mill-bejgħ tal-fond 65 u 66, Triq San Pawl tal-Pitkali, Ħad-Dingli tal-5 ta' Frar 2015. Iżda hemm kontestazzjoni wkoll fuq l-ammonti żbankati da parti tal-konvenut Anthony Micallef bil-prokura tiegħu mill-kontijiet bankarji tal-Bank of Valletta hawn fuq imsemmija. Dwar dawn il-punti, hemm verżjonijiet u xhieda li huma dijametrikament opposti għal xulxin. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa imperattiv li l-Qorti tislet dak kollu li jirriżulta mill-provi dokumentarji u mill-fatti ippruvati.

50. Fix-xhieda tiegħu tat-23 ta' Mejju 2022 il-konvenut Anthony Micallef, ikkonferma fl-ewwel lok, li huwa deher bi prokura għal Anna Bonello u għal Mary Lourdes Bonello fuq il-kuntratt tal-5 ta' Frar 2015. Huwa minnu li l-attriċi naqset milli tipproduċi l-aħjar prova tat-titolu tagħha għall-fond in kwistjoni meta setgħet faċilment tagħmel dan. Iżda għalkemm din l-istqarrija tal-konvenut mhix l-aħjar prova tat-titolu tal-attriċi għall-fond in kwistjoni, mill-banda l-oħra l-fatt li huwa speċifikament isemmi li kien qiegħed jidher fuq dak il-kuntratt ta' bejgħ <u>bis-saħħa ta' żewġ prokuri</u>, jindika li huwa kien jaf li biex jidher fuq dak l-att, huwa kien jeħtieġ l-awtorizzazzjoni mhux biss t'oħtu Anna, iżda wkoll ta' Mary Lou. Fil-fatt jirriżulta pruvat mill-atti li fid-data ta' meta sar il-kuntratt de quo huwa kien fil-pussess ta' prokura ġenerali mogħtija mill-attriċi lilu u lil ibnu Joseph u li tinsab esebita fol 23. Kopja tal-prokura li kellu f'isem oħtu Anna ma tirriżultax mill-atti – iżda jirriżulta li hemm qbil li matul ħajjitha l-konvenut kellu wkoll prokura għaliha. Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami il-konvenut Anthony Micallef, sostna speċifikament hekk:

> Avukat Dr. Dalli: Sinjur inti dhert fuqu dan il-kuntratt? Iva jew le għidtilna iva.

---

jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekja ir-realtà tal-fatti u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli."**Ara Middlesea Insurance plc noe vs. Victor Sammut** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Ġunju 2003, **Dr. Elizabeth vella MD vs. Bieb Bieb Lmited**, deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fid-9 ta' Diċembru 2011; **Dr. Joseph Camilleri noe vs. Trebee Compnay Limited**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju 2017; **Grezzju u Antonia Patiniott vs. George Degiorgio** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili fil-11 ta' April 2019.

Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-każ **Enrico Camilleri vs. Martin Borg** fis- 17 ta' Marzu 2003:

> Il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibbiltajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bbażata fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet.

Ara wkoll **E. Zammit vs Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar 1952 u **Paul Vassallo vs C. Pace**, Appell Ċivili deċiż fil-5 ta' Marzu 1986.

Anthony Micallef: Iva iva.

Avukat Dr. Dalli? Għandek kopja tiegħu?

Anthony Micallef: Issa nara jekk għandi nagħtih lill-avukat tiegħi u jagħtihulek.

Avukat Dr. Dalli: X' bigħejt dakinhar?

Anthony Micallef: Il-post.

Avukat Dr. Dalli: Lil min bigħejtu?

Anthony Micallef X'inhu kunjomhom?

Avukat Dr. Dalli: Naqblu li Muscat?

Anthony Micallef: Muscat eħe.

Dr. Veronique Dalli: Dakinhar inti kif tħallast?

Anthony Micallef: Flus, karti.

Avukat Dr. Dalli: Cash . Ma kellhomx bżonn loan naqblu?

Anthony Micallef: Għaliex?

Avukat Dr. Dalli: Jiġifieri ħallsuk cash dak il-ħin ma kellhomx bżonn ċekkijiet u hekk.

Anthony Micallef: Le ma ġabux ċekkijiet flus kontanti tawni.

Avukat Dr. Dalli? L-ammont kemm kien?

Anthony Micallef: Mija u xi ħaġa €150,000.

Avukat Dr. Dalli: Mija u ħamsin elf?

Anthony Micallef: Jew xi ħaġa hekk.

Avukat Dr. Dalli: Dawk kienu flus tal-prezz tal-propjetà?

Anthony Micallef: Iva.

Avukat Dr. Dali: Issa dak il-mija u 50, €160,000 f'cash inti x' għamilt bihom.

Anthony Micallef: Jiena tajthom lil oħti. Lil oħti tajthomla mbagħad hi għamlet bihom li riedet daqshekk li ħa ngħidlek.

Avukat Dr. Dalli: U fejn tajthom lil ohtok?

Anthony Micallef: Tajthomla filgħaxija kif mort il-home tal-Imtarfa. Imbagħad hi tathom lil min riedet. Lil min riedet hi tagħtom mhux lili. Jien ma ħadtx one cent.

Avukat Dr. Dalli: Mela jiġifieri inti taf lil min tathom oħtok?

Anthony Micallef: Issa naf u ma nafx inti prosit x' qiegħda tgħid.

Avukat Dr. Dalli: Għax inti għedtilna tathom lil min riedet. Mela inti ħadt €150,000 cash.

Anthony Micallef: Iva.

Avukat Dr. Dalli: U  għedtilna mort bihom fil-home.

Anthony Micallef: Tajthomla ġo basket kif tawhomli, u mort.

Avukat Dr. Dalli?  Ma' min kont?

Anthony Micallef: Waħdi kont għax dik filgħaxija fis-sebgħa u nofs, it-tmienja ta' filgħaxija.

Avukat Dr. Dalli: Mort b' €150,000 f'cash fuqek?

Anthony Miclalef:  Iva mort.

Avukat Dr. Dalli: Waħdek?

Anthony Micallef: Waħdi mort tgħid ma ħadtx lill-isqof miegħi. Jiena li qed tgħidli qed nirrispondik eżatt. Jien mhux ser nigdeb.

Avukat Dr. Dalli: Fejn kienet oħtok dakinhar?

Anthony Micallef: Kif?..................

...................................................

Anthony Micallef: Mingħand in-nutar Micallef jew x'kien sal-Imtarfa daqshekk. U qaltli ara ma tgħidx xi ħaġa quddiem Mary Lourdes għax ixxandrek ma Had-dingli. U dik tista' tixhdu li hemm ħdejk għax dik għamlitha magħha. Tajtha l-flus tas-safar biex issiefer, xandritni ma' Ħad-Dingli kollu. U jaghmluli Tonin, mela inti hekk.

Avukat Dr. Dalli: Mela int tidher fill-kuntratt bil-prokura ta' oħtok u n-nofs l-ieħor kien ta' Mary Lourdes. In-nofs l-iehor ta' Mary Lourdes x'għamilt bih il-cash?

Anthony Micallef: Il-prokura?

Avukat Dr. Dalli: Qed tifhimni Sur Micallef in-nofs ta’ Mary Lourdes, għax nofshom kienu ta' Mary Lourdes, x'għamilt bihom?

Anthony Micallef: Jien tajtha kollha lilha u daqshekk.

Avukat Dr. Dalli: In-nofs ta’ Mary Lourdes Lil min tajthom?

Anthony Micallef: X' nofs huma? Trid tgħidli xinhuma n-nofs?

Avukat Dr. Dalli: Sinjur inti dehrt fuq il-kuntratt?.

Anthony Micallef: Iva

Avukat Dr. Dalli: Issa dik il-proprjeta nofsha kienet ta' Mary Lourdes.

Anthony Micallef: Issa jiena naf x'kienet.

Avukat Dr. Dalli:  Jiġifieri inti tajt il-flus ta Mary Lourdes lil ommha?

Anthony Micallef: Kollox lil oħti tajt. Kollox lilha.

Avukat Dr. Dalli: Wara li ġiet nieqsa Anni inti dehert fuq xi kuntratt?

Anthony Micallef: Dik biss li għamilt kuntratt jiena, ta’ ohti.

Avukat Dr. Dalli: Fuq xi konvenju dehert inti?

Anthony Micallef: Le lanqas dehert meta nbiegħ il-post u daqshekk.

Avukat Dr. Dalli: Fuq xi konvenji ta' xi propjetajiet oħra dehert?

Anthony Micallef:  Le qatt ma dehert qatt xejn.

Avukat Dr. Dalli: Għamilt xi karti wara li mietet oħtok?

Anthony Micalef: Le xejn.

Avukat Dr. Dalli: Ħa nerġa' nuri dokument ieħor li ġie esebit dawn il-proċeduri. Mela Anthony Micallef pensjonant bin Pawlu u Mary Sammut twieled fl-1 ta' Jannar 1948.

Anthony Micallef: Eh allura?

Avukat Dr. Dalli: Dehert fuq il-causa mortis.

Anthony Micallef: Mhux jiena mbagħad ħallastilha kollox lil oħti.

Avukat Dr. Dalli: Fuq xi kuntratt quddiem nutar wara li mietet oħthom dehert?

Anthony Micallef: Dikjarazzjoni mhux kuntratt.

Avukat Dr. Dalli: Dikjarazzjoni quddiem nutar. Il-causa mortis id-denunzja ta’ wara li jmut xi ħadd.

Antony Micallef: Kollox jiena ħallastilha. Jien mhux se noqgħod ngħidlek ħallas Ġanni, jiena kollox ħallastilha lil oħti. Ġibtilha l-perit jien kollox jien għamiltilha.

Avukat Dr. Dalli: Dwar in-nomina tal-eżekutur testamentarju.

Anthony Micallef: Iva

Avukat Dr. Dalli: Issa jekk jogħġbok wara li ġejt nominat eżekutur testamentarju għamilt ir-rikors jew applikazzjoni jew qabbadt avukat biex tmur quddiem is-Sekonda Awla?

Anthony Micallef:  Le daqshekk qed ngħidlek xejn, imkien.

Avukat Dr. Dalli:  Jiġifieri inti kont eżekutur testamentarju mingħajr ma għamilt il-proċedura quddiem il-qorti?

Anthony Micallef: Jien ma ġejtx il-qorti xejn u ħadd ma qalli ara mur il-qorti ħa tagħmel hekk u hekk. Jien li hu minnu qed ngħid.

51. Fix-xhieda tagħha tas-7 ta' Frar 2023[4] Denise Balzan, il-partner ta' Joseph Micallef, ikkonfermat li Anthony Micallef kien infurmaha li ġab il-flus tal-bejgħ tad-dar (fol 273 a tergo), iżda kompliet tispjega li kienet ġiet infurmata li x-xewqa ta’ Anna Bonello kienet li l-flus jgħaddu lil Joseph Micallef. Denise Balzan tikkonferma li l-flus tal-bejgħ tad-dar li inbiegħet fil-5 ta' Frar 2015, marru għand Joseph Micallef (fol 274).  Denise Balzan tispjega li skond it-testment tagħha Anna Bonello, kienet ħalliet werrieta lil bintha l-attriċi Maria Lourdes Bonello.  Pero bħala eżekuturi tal-wirt kienet ħalliet lil Anthony Micallef jew lil ibnu Joseph Micallef, u spjegat li dan sar minħabba l-fatt li Mary Lourdes Bonello, kellha problemi ta' saħħa mentali.

52. fix-xhieda in kontro-eżami tas-7 ta’ Frar 2023 Mary Lourdes Bonello wieġbet li kellha żewġ proprjetajiet, u li Anthony Micallef biegħ waħda minnhom u l-proprjeta l-oħra kien ser ibiegħha, iżda għad ma nbigħetx.  Spjegat ukoll li zijuha Anthony Micallef kien qed joffrilha li toqgħod ġo penthouse iżda hija ma riditx, u kienet marret għal ftit ta' żmien toqgħod f'dar il-Kaptan, għaliex kien

[4] Fol 274.

waqgħalha  s-saqaf tal-fond fejn kienet qed tirrisjedi.  Peress li kien iċemplilha għolla leħnu magħha hija għamlet rapport lill-Pulizija, li jinsab esebit bħala Dok MLB1 fol 283 tal-proċess. F'din l-istess xhieda in kontro-eżami, hija sostniet li Denise Balzan xi drabi talbitha l-flus għal bintha iżda hija ma kinitx tatha ebda flus.[5]

53. Mill-kopja tat-testment ta’ Anna Bonello eżebit Dok C fol 18 tat-30 ta' April 2012 jirriżulta li l-istess Anna Bonello kienet ħalliet lil Mary Lourdes Bonnello bħala l-werrieta universali tagħha. Fl-istess testment, Anna Bonello kienet innominat lil ħuha Anthony Micallef bħala eżekutur testamentarju, u jekk ma jaċċettax, lil ibnu Joseph Micallef.  Anna Bonello ma ħalliet ebda legati. Meta nbiegħet il-propjetà 65 u 66 fi Triq San Pawl tal-Pitkali f' Ħad-Dingli fil-5 ta' Frar 2015, Anna Bonello kienet għadha ħajja stante li mietet fit-28 ta' Frar 2015.[6]

54. Allura ġaladarba l-konvenut Anthony Micallef fl-affidavit tiegħu stess jirrikonoxxi li huwa kien deher fuq il-kuntratt tal-bejgħ grazzi kemm għall-prokura li kellu mingħand oħtu Anna, kif ukoll bil-prokura l-oħra li kellu mingħand l-attriċi, Anthony Micallef jiġi kien qiegħed jirrikonoxxi li fuq dak l-att deher kemm għal oħtu Anna kif ukoll għal Mary Lou Bonello.  Li kieku ma kienx hekk, ma kellux għalfejn igħid li huwa deher fuq dak il-kuntratt għax kellu l-prokura mingħand oħtu u bintha.  Kien ikun biżżejjed għalih f’dak il-każ li jgħid li kellu l-prokura mingħand oħtu.  Iżda ma jgħidx hekk.  Dan allura juri li Anthony Micallef kien jirrikonoxxi li kemm oħtu kif ukoll bintha kellhom sehem minn dan il-fond mibjugħ u li allura meta deher fuq dak il-kuntratt huwa kien deher għat-tnejn li huma bis-saħħa tal-prokuri rispettivi li kellu.

55. Għalkemm l-attriċi naqset li ġġib l-aħjar prova dwar is-sehem tagħha mill-fond in kwistjoni, din id-dikjarazzjoni ta’ Anthony Micallef issaħħaħ l-argument tal-attriċi li hija kienet intitolata għal sehem mir-rikavat tal-bejgħ ta’ dan il-fond.  Is-sehem li kien jispetta lilha - fil-mument meta sar il-bejgħ - setgħa kien dak li hija setgħet wirtet mingħand missierha Luigi.  L-attriċi naqset milli ġġib l-aħjar prova dwar kemm hija kellha sehem minn dak il-fond daqskemm naqset milli ġġib l-aħjar prova li hija kienet il-werrieta wkoll tas-sehem ta’ missierha Luigi mill-istess proprjeta.  Iżda l-istqarrija tal-konvenut li huwa deher fuq il-kuntratt tal-bejgħ għax kellu wkoll il-prokura tagħha tindika li Anthony Micallef kien konxju

[5] Fol 281 a tergo.
[6] Ara ċertifikat tal-mewt fol 17 tal-proċess.

li biex jidher fuq dak il-kuntratt tal-bejgħ kien jeħtieġ li jkollu wkoll il-prokura ta' Mary Lou – ħaġa li ma kienx ikollu għalfejn jgħid u jagħmel kieku Mary Lou ma kellhiex sehem minn dik il-proprjeta.

56. Indizju ieħor li juri li Mary Lou kellha sehem minn dik il-proprjeta jirriżulta wkoll mid-dikjarazzjoni causa mortis li kienet saret fil-15 ta' Lulju 2015 a fol 27 fejn jirriżulta li l-attriċi wirtet mingħand ommha nofs (1/2) indiviż tal-fond l-ieħor li kellhom bin-numru 5, Anne, Triq San Pawl tal-Pitkali, Ħad-Dingli. Dan irid jingħaqad ma dak mistqarr iżjed il-fuq minn Denise Balzan fis-sens li l-fond mibjugħ f'dan il-każ kien ġebel u saqaf u kien mibni minn missier l-attriċi. L-indikazzjoni f'dan il-każ hija li dawn il-fondi kienu appartenenti lil ġenituri tal-attriċi u li meta mietu s-sehem tagħhom għadda għand l-attriċi. Dan huwa korroborat ukoll mill-attriċi meta hija tixhed li huma kellhom żewġt idjar – waħda inbiegħet u l-oħra le, kif ukoll li hija ma rċevietx sehma mill-bejgħ tad-dar li nbiegħet. Biex tippretendi l-flus, hija kienet ukoll tippretendi li kellha sehem minn dak il-fond. Gerald Muscat qal ukoll li Toninu kien qiegħed jidher fuq il-kuntratt għal Mary Lou, u vagament isemmi lil ommha. Dan ukoll huwa indizju ieħor favur it-teżi attriċi li hija kellha sehem minn dik il-proprjeta li nbiegħet.

57. Ix-xiehda tal-konvenut, il-kjamat in kawża u Denise Balzan ma tħalli ebda dubju li ebda ċenteżmu mir-rikavat ma ġie mogħti lill-attriċi in kwantu skonthom il-flus kollha miġbura minn dak il-bejgħ l-ewwel għaddew għand Anna Bonello, li kienet għadha ħajja u li din, għaddiethom kollha kemm huma lil Joseph Micallef b'rikonoxximent għal dak kollu li kienu għamlu magħhom. Fil-verita l-konvenut u l-kjamat in kawża ma jikkontestawx li l-attriċi kellha sehem mill-fond li ġie mibjugħ. Il-kontenzjoni tagħhom hija fuq il-fatt li l-flus li ġew imħalsin mill-kumpraturi, ġaladarba ġew mogħtija in kontanti lil Anna Bonello kollha kemm huma, kienet din li għażlet li ttihom kollha kemm huma lil Joseph Micallef.

58. Il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-attriċi li hija kellha sehem minn din id-dar li ġiet mibjugħa kif ukoll mir-rikavat tal-bejgħ tagħha u li s-sehem tagħha minn dan ir-rikavat ma rċievitux għandu mis-sewwa u huwa sorrett mill-provi li tresqu. Hija wkoll ta' min jemminha f'dik il-parti fejn ingħad li l-proprjeta l-oħra kienet ukoll sejra tiġi mibjugħa minn Anthony Micallef iżjed tard meta reġgħet saret prokura mill-attriċi fuqu iżda din spiċċat ma nbigħetx.

59. Dan jikkontrasta mal-fatt li meta kien qiegħed jixhed Anthony Micallef stqarr li **<u>wara</u>** l-mewt ta' oħtu Anna Bonello huwa ma deherx fuq ebda konvenju u jew kuntratti. Għal kuntrarju ta’ dan, l-attriċi eżebiet kopja awtentikata tal-konvenju datat 24 ta' Ġunju 2019 fl-atti tan-nutar Anton Borg fejn Anthony Micallef bil-prokura f'isem Mary Lourdes Bonello kien deher fuq dan il-konvenju sabiex tinbiegħ il-propjetà bin-numru uffiċjali stradali 11, ġja 5 bl-isem Sant Anna fi Triq San Pawl tal-Pitkali, Ħad-Dingli. Il-prokura li Anthony Micallef kellu għal Mary Lourdes Bonello, tinsab esebita fol 242 *et sequitur* tal-proċess.

60. Fl-affidavit tagħha, l-attriċi Mary Lourdes Bonello,[7] ikkonfermat li z-ziju tagħha, Anthony Micallef kien jieħu ħsieb il-flus ta' ommha Anna Bonello. Inoltre, sostniet li wara l-bejgħ li kien sar fil-5 ta' Frar 2015, qatt ma għaddielha nofs il-flus jew parti mill-flus u lanqas għaddew il-flus fil-kont bankarju ta' ommha Anna Bonello. Di piu, żiedet tgħid, li lanqas il-flus ta' ommha li kellha l-bank ma kienu hemmhekk.

61. Fil-fatt jirriżulta wkoll pruvat li Anna Bonello kellha l-flus depożitati mal-Bank of Valletta. L-attriċi ssostni li minnhom ma ħadet xejn. Fil-fatt mill-istatements bankarji esebiti bħala Dok JB1 u Dok JB2 fol 81 minn rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc Johanna Bartolo, jidher li fit-28 ta’ Frar 2015 kienu ġew miġbuda l-ammont ta’ €6980.36 wara li dan il-kont ingħalaq dakinhar stess minn Anthony Micallef li deher bis-saħħa ta’ prokura. Fuq ir-rendikont bankarju din il-prokura kienet indikata bħala “POA 28/11/2012”. Mid-dokumenti preċedenti irriżulta wkoll li anke qabel kien hemm flus miġbuda bl-użu ta’ prokura indikata bħala “GPOA Dr Anthony Abela 28-11-2012”. Dan huwa indizju li jindika li din il-prokura kienet tiġi użata biex ikunu jistgħu jsiru żbanki flus mill-kont ta’ Anna Bonello. Joanna Bartolo fix-xhieda tagħha tat-28 ta’ Jannar 2021 tikkonferma, a fol 76, li mill-kont numru 14601859060 inġibed il-bilanċ li kien hemm minn Anthony Micallef u ingħalaq il-kont. U dix-xhud in rappreżentanza tal-Bank ikkonfermat li l-flus gew iddepożitati f’kont numru 17216206018 f’isem Anthony Micallef.[8] Anthony Micallef jikkonferma wkoll li ebda ċenteżmu minn dawn il-flus ma marru għand Mary Lourdes Bonello, in kwantu jgħid li żammhom hu għall-ispejjeż tal-funeral ta’ oħtu u djun varji tagħhom it-tnejn. Prova oġġettiva ta’ dawn l-ispejjeż pero ma ġabx.

[7] Fol 248.
[8] Fol 148.

62. Il-Bank ġie infurmat li mietet Anna Bonello mhux dakinhar stess tat-28 ta' Frar 2015 iżda f'Marzu 2015. Sussegwentement f'Awissu 2015 mill-kont bankarju numru 14601859073, inġibed l-ammont ta' €12,243.33. Ix-xhud Johanna Bartolo ikkonfermat li kien sar "Bills Payable" mill-istess Bank of Valletta lil "Abela and Abela Notaries" datat 5 ta' Awissu 2015 fl-ammont ta' €12,429.37 (fol 150), liema ċekk ġie imsarraf mill-HSBC Bank. Dan ġie kkonfermat minn din ix-xhud fis-7 ta' Frar 2023. L-ammont ta' €12,429.37 tħallas lil Abela & Abela Notaries, kif jidher mill-kopja taċ-ċekk esebit mill-uffiċjal bankarju fol 150 tal-proċess.

63. Għalkemm il-konvenut u Denise Balzan qalu li kien hemm xi prokura oħra f'isem in-Nutar Anthony Abela ebda prova oħra ma tresqet dwar din l-allegazzjoni. Il-proċess huwa nieqes minn prova dwar fejn marru dawn it-€12,429.37. Li hu żgur pero li l-konvenut u l-kjamat in kawża ma ġewx konfermati eżekuturi testamentarji t'Anna Bonello għax ma għamlu ebda proċedura f'dak is-sens. Ma hemmx prova li kienu huma li fil-frattemp kienu qabdu lill-Uffiċju tan-Nutar Anthony Abela biex jibda l-proċedura tal-likwidazzjoni tal-kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta.

64. Minn dawn il-provi din il-Qorti tista' tikkonkludi li jirriżulta pruvat li l-ammont ta' €6980.36 ġie trasferit fil-kont tal-konvenut; mentri l-ammont ta' €12,429.37 kien ingħadda lil "Abela & Abela Notaries" għalkemm x'sar minnhom dawk il-flejjes baqgħa mhux magħruf.

65. B'referenza għall-ammont ta' €6980.36 il-konvenut Anthony Micallef sostna li dan l-ammont intuża minnu għall-funeral ta' Anna Bonello u kif ukoll biex jitħalsu djun li l-attriċi kellha ma' ħwienet f' Ħad-Dingli fosthom spiżeriji u grocer. Madankollu, ma tressqet ebda prova permezz ta' riċevuti ta' ħlasijiet għall-funeral, jew ta' riċevuti għal djun imħallsa fil-ħwienet, jew xiehda oħra li setgħet tikkonferma dak li kien qed jgħid Anthony Micallef.

66. Inoltre, ġie pruvat li l-konvenut ġibed is-€6980.36 mill-kont bankarju t' Anna Bonello fl-istess jum li hija mietet u fejn allura il-prokura mogħtija minnha lill-konvenut kienet waqgħet bil-mewt tagħha. Biss l-anqas ma ġie pruvat f'dan il-każ fi x'ħin seħħet il-mewt tagħha. Ma ġiex pruvat jekk meta l-konvenut mar jagħlaq dak il-kont u trasferixxa dawk il-flejjes mill-kont t'oħtu Anna għall-kont tiegħu, din kienetx għadha ħajja jew kienetx diġa mietet. Din

kienet ukoll tkun prova importanti biex turi l-mod kif kien jaħseb u jaġixxi l-konvenut. Biss ġaladarba ma hemmx prova li l-konvenut ġibed dawk il-flejjes mill-kont t'oħtu wara li mietet, din il-Qorti ftit tista' tikkummenta iktar dwar dan il-fatt.

67. Il-prova hi li l-flus mill-kont t'oħtu ġew trasferiti għall-kont tiegħu fl-istess jum li din mietet. Imbagħad huwa jispjega li nefaq dawk il-flejjes fi spejjeż tal-funeral, u spejjeż oħra marbuta ma djun ta' Anna Bonello u l-attriċi, inkluż grocer, spiżerija u safar tal-attriċi.

68. Il-konvenut naqas milli jġib prova ta' kemm verament kien hu li ħa ħsieb il-funeral t'oħtu, għalkemm din hija verosimili. Mill-banda l-oħra anqas ma nġiebet prova li l-attriċi ħadet ħsieb tagħmel funeral għal ommha jew li ħadet ħsieb il-proċedura tad-dikjarazzjoni *causa mortis* għaliha. Biss kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova fejn marru dawk il-flus b'mod konkret u oġġettiv bil-mezz ta' xhieda jew dokumenti jew it-tnejn. Huwa allega li nefaqhom fl-interess tal-attriċi u oħtha u kien jispetta lilu li juri dan bil-provi u bil-fatti u mhux sempliċiment bil-kliem.

## L-EWWEL U T-TIENI TALBIET TAL-ATTRIĊI

69. Fl-ewwel talba, qed jiġi mitlub li Anthony Micallef jiġi dikjarat debitur tal-attriċi fis-somma ta' €169,223.69, kif ukoll li jiġi ikkundannat jirrifondi dan l-ammont jew somma verjuri lill-attriċi.

70. Mit-testment t'Anna Bonello eżebit fol 18, joħroġ ċar li il-konvenut Anthony Micallef kien appuntat eżekutur testamentarju. Iżda fix-xhieda tiegħu, ikkwotata estensivament aktar 'il fuq, huwa ikkonferma li huwa qatt ma għamel il-proċedura biex jiġi konfermat mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. Dan ġie wkoll ikkonfermat minn Joseph Micallef, li huwa ma pproċediex bil-Qorti sabiex jattwa r-rwol ta' eżekutur testamentarju.

71. Għalhekk din il-Qorti tifhem li l-konvenut Anthony Micallef setgħa kien baqa' jaġixxi bl-użu u t-tħaddim tal-prokura li huwa kellu mingħand Mary Lourdes Bonello datata 27 ta' Lulju 2012: sakemm din kienet ġiet revokata fil-31 ta' Mejju 2017 u fejn wara kien reġa' ingħata prokura oħra mill-istess Mary Lourdes Bonello fid-9 ta' Frar 2019, fol 242, li pero reġgħet ukoll ġiet revokata.

72. Fid-domandi in kontro-eżami, fix-xhieda tiegħu tat-23 ta' Mejju 2022, Anthony Micallef isostni hekk:

> Xhud Anthony Micallef: Le qatt ma kelli prokura ta' ohti u tar-ragel taghha qatt.
>
> Avukat Dr. Dalli: Ta min kellek prokura allura?
>
> Xhud Anthony Micallef: Dik ghmlithieli ohti minhabba Maru Lu biss.
>
> Avukat Dr. Dalli: Mela prokura kellek.

73. B'mod kontrastanti u b'mod li ma jikkorraborax il-verżjoni tal-konvenut Anthony Micallef, ibnu Joseph Micallef fl-affidavit tiegħu kkonferma hekk:

> Jien missieri dejjem nafu li kellu l-prokura taz-zija Anni u z-ziju Wiġi meta dawn kienu għadhom ħajjin u anki f'isem Mary Lou.

74. Biss huwa paċifiku fil-provi skarsi li hawn li l-konvenut kien prokuratur kemm ta' oħtu Anna kif ukoll tal-attriċi fiż-żminijiet imsemmija iżjed il-fuq. Żgur hu li l-konvenut ma aġixxiex ta' eżekutur testamentarju. Il-ġurisprudenza nostrana hija paċifika dwar ir-rwol ta' eżekutur testamentarju, fejn jingħad li eżekutur testamentarju huwa fil-fatt mandatarju.[9] Madankollu fil-każ in eżami, Anthony Micallef ma kienx qed jaġixxi bħala eżekutur testamentarju, iżda jekk xejn kien setgħa jaġixxi skont il-prokuri mogħtija lilu, almenu sakemm oħtu Anna Bonello kienet għadha ħajja.

75. Bl-istess mod, min jingħata l-prokura għandu jaġixxi fl-interess ta' min tah il-mandat, ossija fl-interess ta' min inkarigah b'dik il-prokura.[10] Għalkemm din mhix kawża għal rendikont mill-mandatarju, xorta jibqa' pertinenti dak misjub fl-artikolu 1875 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi:

> Il-mandatarju meta ma jkunx meħlus espressament mill-mandant, għandu jagħti kont lil dan ta' dak kollu li jkun għamel u dak kollu li jkun irċieva bis-saħħa tal-mandat, ukoll jekk dak li jkun irċieva ma kellux jingħata lill-mandant.

[9] Ara **Gorg Vella vs Reverendu Charles Cini** (6/1999/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001.
[10] Ara f'dan is-sens **Dr. Philip Manduca Limited noe et vs Notary Charles Vella Zarb** (148/2009) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fis-6 ta' Lulju 2016.

76. Minn din id-dispożizzjoni joħroġ ċar li l-mandatarju għandu jagħti rendikont ta’ dak kollu li jkun għamel u attwa fl-interess ta' min tah il-mandat. M'hemmx forma imposta mil-liġi għal rendikont.[11] Iżda jidher evidentement, li huwa neċessarju u rikjest mil-liġi illi l-mandatarju mhux biss jaġixxi skont l-istruzzjonijiet li jkunu ġew mogħtija lilu mill-mandant, iżda wkoll li jagħti kont kemm ta' dak li jkun amministra. Żgur li huwa kellu jagħti rendikont ta' kull kuntratt ta' bejgħ li huwa deher fuqu li jikkonċerna l-proprjetà ta' min tah il-mandat.

77. Dwar dan il-punt fis-sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tgħid li sakemm ma jkunx ġie espressament meħlus mil-mandant, il-mandatarju għandu jagħti kont lill-mandant tiegħu ta' dak kollu li għamel u ta' dak kollu li rċieva bis-saħħa tal-mandat. Saret referenza wkoll għall-artikolu 1874 tal-Kodiċi Ċivili fejn ingħad li l-mandatarju jwieġeb lejn il-mandant fl-eżekuzzjoni tal-mandat, mhux biss ghall-għemil doluż tiegħu, iżda wkoll għan-negliġenza. Ġie sottomess mill-attriċi li Anthony Micallef naqas fil-qadi tal-inkarigu lilu mogħti hekk kif ma ta ebda rendikont lill-attriċi tal-mandat mogħti lilu, b'mod li jista' jingħad li huwa ma qediex b'mod fidil l-inkarigu lilu mogħti. Fis-sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tirreferi għall-kawża fl-ismijiet **Carmela Spiteri vs Yolanda Maria Vella** deċiża fl-14 ta' Ottubru 2014, fejn ġie ċitat is-segwenti:

> Il-mandatarju skont il-liġi jrid jaġixxi f'isem u fl-interess tal-mandant tiegħu. Il-fatt li konvenut aġixxiet in virtu ta' prokura ġenerali ma jeżonerahiex milli taġixxi f'isem u fl-interess tal-mandant u ma tistax teċċedi jew tabbuża il-limiti dan il-mandat tagħha ai termini tal-artikolu 1864 tal-Kapitolu 16 billi l-azzjoni ta' żbank minnha kompjuta kienu saru f'isem l-attriċi in virtu tal-favurha bħala fatt iżda żgur fl-interess singolari tal-konvenuta billi ma nġiebet ebda prova li l-ammonti sostanzjali ta' flus żbankati fi żmien daqshekk qasir ġew b'xi mod utilizżati mill-attriċi jew f'isimha għal skopijiet magħrufa mill-istess attriċi. L-użu personali mill-mandatarja tal-assi tal-mandant imur kontra l-prinċipju fundamentali tal-mandat u jilledi li l-obbligazzjoni fiduċjarja bejn il-mandant u l-mandatarju li jrid jaġixxi fit-termini tal-mandat in bona fede u fl-interess tal-mandant.

78. Mhux kontestat li r-rikavat tal-bejgħ tal-5 ta' Frar 2015, fl-ammont ta' €150,000 jinsabu kollha għand iben il-konvenut Anthony Micallef, ossija l-kjamat in kawża Joseph Micallef. L-attriċi tgħid li Anthony Micallef ma tahiex rendikont ta’ x’ġara minn

[11] Ara **Demarco vs. Demarco** deċiża fit-22 ta' Frar 1963 il-Qorti tal-Appell; **Mary armla Stockley vs. Rosario Cini** deċiża mil-Prim Awla Qorti Ċivili fis-27 ta' April 1965.

dawn il-€150,000. Kieku għall-grazzja tal-argument verament ġara hekk, Anthony Micallef bħala mandatarju, meta deher fuq l-att tal-bejgħ tal-5 ta' Frar 2015, xorta waħda kien marbut jagħti rendikont sħiħ ta' x'ġara, u lil min ta l-flus kif kien tenut kont li jagħmel skont il-liġi. Meta deher fuq il-kuntratt tal-bejgħ, Anthony Micallef ma kienx qiegħed jidher biss bħala prokuratur ta' oħtu Anna Bonello iżda wkoll bħala prokuratur tal-attriċi, u dan in forza taż-żewġ prokuri mogħtija lilu, kif ammess minnu stess. Huwa kien tenut jagħti rendikont ċar ta' kull att tiegħu b'dik il-prokura kemm lil oħtu Anna kif ukoll lill-attriċi. Iżda, dwar dan ir-rendikont lill-attriċi, fl-atti ma jirriżultaw ebda provi.

79. Il-konvenut, il-kjamat in kawża kif ukoll Denise Balzan jgħidu, f'dettalji differenti, li l-attriċi kienet diġa taf li dawn il-flus kienu ġew mogħtija minn ommha lil Joseph Micallef meta din kienet għadha ħajja. Li kieku din il-verżjoni għandha mis-sewwa, allura wieħed jista' forsi jifhem li ladarba l-attriċi kienet konxja ta' dak kollu li kien għaddej, qajla kien hemm ħtieġa li l-konvenut jagħtiha rendikont b'mod uffiċjali. Biss dak kien mistenni minnu xorta waħda.

80. Issa dan kollu jrid jinqara' fl-isfond tal-provi skarni u kunfliġġenti li ġew prodotti dwar l-aspetti l-iżjed importanti f'dan il-każ. Anna Bonello laħqet mietet u għalhekk ma setgħetx tixhed dwar kemm hija minnha l-verżjoni li hija kienet irċeviet il-flus tar-rikavat u li tat dawk il-flejjes lil Joseph Micallef. Żgur hu pero li dan il-bejgħ seħħ meta hija kienet għadha ħajja. Ma nġabitx prova dwar l-istat ta' saħħa fiżika u mentali ta' Anna Bonello f'dak ix-xahar ta' Frar 2015 bejn id-data tal-bejgħ tal-fond u d-data tal-mewt tagħha. Ma hemmx prova li hija kienet inkapaċi li tifhem. L-anqas hemm prova dwar il-ħinijiet tal-ftugħ u għeluq tad-dar li kienet tgħix fiha jew x'arranġamenti kien ikun hemm għall-viżitaturi qraba tal-anzjani residenti.

81. Hemm prova soda pero li meta Anna Bonello għamlet it-testment tagħha fit-30 t'April 2012 hija kienet mhux biss *compos sui*, iżda wkoll ċara kristall fil-fiduċja li kellha f'ħuha Anthony Micallef. Dan jirriżulta mit-tieni artikolu tat-testment tagħha fejn hija ħatret lil Anthony Micallef (u f'każ li ma jkunx jista' hu lil ibnu Joseph) bħala eżekutur testamentarju. Dan ma hu xejn straordinarju għajr għall-fatt li Anna Bonello kienet ċara fi kliemha meta saħqet li minħabba li l-werrieta tagħha kellha bżonnijiet speċjali (li baqgħu mhux speċifikati u pruvati matul il-kors ta' din il-kawża) hija riedet lil ħuha l-konvenut Anthony Micallef li jibqa'

jamministra u jagħmel dak kollu li hu jħoss li jkun hemm bżonn u dan bla eċċezzjoni; inklużi li jiżbanka depożiti u investimenti u jbigħ assi immobiljari tagħha. Hi tgħid espressament li kellha fiduċja assoluta fl-istess ħuha – u dan fit-testment tagħha stess. Anzi rabtet ukoll lill-werrieta bintha, attriċi odjerna, li ma tkunx tista' tbiegħ proprjeta mingħajr il-firma ta' Anthony Micallef u f'każ li jkun qagħad eżekutur ibnu, allura bil-firma ta' ibnu Joseph Micallef.

82. Għalkemm ġie pruvat li l-konvenut u l-kjamat in kawża ma għamlu xejn biex jiġu konfermati eżekuturi testamentarji ta' Anna Bonello, huwa ċar li Anna Bonello kellha fiduċja għamja f'ħuha Anthony u ibnu Joseph. Minn dan il-Qorti tiddeduċi li kieku Anna Bonello ma kienetx temmen fil-kapaċita ta' ħuha u ibnu Joseph li jimxu sew magħha u ma bintha attriċi, qajla kienet se tkun daqshekk skjetta fil-poteri li tathom. Dak li jolqot lil Qorti minn dak it-tieni artikolu huwa li Anna Bonello kienet disposta tagħtihom *carte blanche* fir-rigward l-amministrazzjoni ta' ħwejjiġha – "jibqa jamministra u jaghmel dak kollu li jhoss li jkun hemm bzonn u dana bla eccezzjoni". Verament li l-konvenut u l-kjamat in kawża għażlu li ma jirrikorrux għal din is-setgħa minħabba li ma għamlux il-proċedura appożita għall-konferma tal-eżekutorija testamentarja. Iżda din id-disposizzjoni turi li Anna Bonello rieditħom ikollhom poteri t'amministrazzjoni diskrezzjonali mill-iżjed wiesa'.

83. Tiddeduċi wkoll li minħabba l-bżonnijiet speċjali impreċiżati ta' bintha attriċi, kien meħtieġ li biex tbiegħ proprjeta bintha kellha tottjeni l-firma ta' Anthony Micallef jew ibnu f'każ li Anthony Micallef ma kienx jista'. Din il-ħtieġa allura tindika li bintha ma kienetx ta' min iħalliha tieħu dawk id-deċiżjonijiet waħdeha u li qajla kienet tafda fil-kapaċitajiet intellettivi u ta' ġudizzju tagħha.

84. Dan juri li Anna Bonello kellha l-ideat ċari. Turi wkoll li verament bintha kienet teħtieġ ċertu grad ta' għajnuna. Għalkemm Anna Bonello ma ssemmi xejn fit-testment tagħha dwar serviġi li kienu ġew reżi lilha u jew lil familtha mill-konvenut jew ibnu; kif ukoll li ma ħallitilhom ebda legat kumpensatorju jew xort'oħra, jibqa' l-fatt li kienet konxja li wara mewtha, bintha kienet teħtieġ l-assistenza ta' zijuha jew kuġinuha f'ċerti deċiżjonijiet importanti, bħal bejgħ ta' proprjeta immobbli. Dan juri wkoll allura li anke f'ħajjitha bintha kienet teħtieġ ċertu grad t'attenzjoni u

għajnuna, li hija mhux dejjem l-istess Anna Bonello setgħet allura ttiha.

85. F'dan il-kuntest allura tassumi ċertu importanza x-xiehda ta' Rita Seguna mogħtija bl-affidavit a fol 295, u li baqgħet qatt ma ġiet kontro-eżaminata u kontradetta. Minn din ix-xiehda, jirriżulta li kienet taf lil familja Micallef u Bonello għal żmien twil kemm għax Anna Bonello kienet ġara tagħha bieb ma bieb kif ukoll għaliex lil Anthony Micallef u familtu kienet tafhom għomorha kollu. Anzi Seguna tgħid li hija kienet ħabiba ta' Anna.

86. Minn din ix-xiehda indipendenti jirriżulta li l-imġieba tal-attriċi fil-konfront t'ommha u missierha ftit kienet eżemplari. Seguna tgħid li saħħet Anna kienet bdiet tmur lura minħabba li bilkemm kienet toqgħod fuq saqajha għax kienet mibruma mhux ħażin. Meta kienet tisma' l-istorbju ġej mid-dar t'Anna, hija kienet iċċempel lill-konvenut biex jiġi. Seguna żżid tgħid li dan kien joqgħod qrib u kienet taf li huwa jieħu ħsieb l-affarijiet kollha tal-familja ta' Anna Bonello. Kienet taf li l-konvenut kien jieħu ħsieb l-affarijiet kollha tal-konjuġi Bonello għax kienu morda u ma joħorġux mid-dar għal snin twal.

87. Tgħid ukoll li kien hemm drabi fejn Anna kienet taqa' mis-sodda u kienet tismagħha tokrob. Kienu jkunu Anthony jew ibnu Joseph li kien jmorru biex itellgħuha fuq is-sodda lura. Skont Rita Seguna, kienu jkunu Anthony u Joseph li jduru bil-familja Bonello. Seguna tisħaq li Anna kienet tiftaħ qalbha magħha u tgħidilha dejjem l-istess kliem fis-sens li Joseph kien bagħtu Alla għax kieku ma tafx x'kien jiġri minnha u minn bintha. Seguna tistqarr li Anna kienet tgħidilha li ma kienetx taf kif ser tħallas lil Anthony u lil Joseph ta' kull ma kienu jagħmlu magħha. Kienet tgħid li l-unika mezz li bih setgħet tirringrazjhom kien li kellha post fi Triq il-Pitkali bin-numru 65 u 66 u li kienet se tagħtih lil Joseph b'ringrazjament ta' dak kollu li kienu jagħmlu magħhom. Seguna tikkonkludi tgħid li ma kienx affari tagħha x'arranġamenti għamlu bejniethom. Biss kienet taf li l-attriċi kienet tmur tiekol għand il-konvenut kull nhar ta' Ħadd u anke meta kienet żgħira kienu joħorġuha magħhom bħala familja. Tagħlaq tgħid li hija kienet tara b'għajnejha lill-konvenut u lil ibnu jieħdu ħsieb ta' kollox lil familja ta' Anna Bonello mentri lill-attriċi tiftakarha dejjem tinkwietahom.

88. Din ix-xiehda taqbel ukoll ma dak li xehdet l-eks partner ta' Joseph Micallef, iġifieri Denise Balzan. Din tgħid li Joseph dejjem

kien jgħidilha li z-zija tiegħu Anna kienet dejjem tgħidlu li dak il-post kien għalih ta' kemm idur biha. Iżda Denise Balzan iżżid ukoll li dan id-diskors ġieli semgħetha tgħidu b'widnejha stess lil Anna Bonello. Ġieli qaltilha li l-post kien għal bintha kif ukoll li kienet se tieħu ħsieb lil bintha. Meta inbiegħ il-post, kien il-konvenut li qallha li l-flus mill-bejgħ kienet tagħthom lil Joseph Micallef b'donazzjoni. Denise Balzan tgħid li l-attriċi kienet taf b'dan kollu u anzi kienet tgħidilha li hi kienet tħalli kollox f'idejn zijuha. Iżżid tgħid li l-attriċi ma kienet qatt qalet li kienu ħadulha l-flus u kien biss f'dawk l-aħħar xhur li l-attriċi bdiet tilmenta li ħadulha l-flus. Anke in kontro-eżami tkompli ttenni li l-attriċi kienet taf li l-flus mill-bejgħ tal-post de quo, omm l-attriċi kienet tagħthom lil Joseph. Anzi tgħid li meta qalet lill-attriċi li lil bintha Toninu kien ta mitt euro, Balzan iżżid tgħid li l-attriċi irrabjat għax ommha kienet qaltilha li kellu jtiha elf euro u mhux mija. A fol 274 Balzan tgħid li Tonin kien ġab il-flus tal-bejgħ tal-post għax Anna riedet ittihom lil Joseph. Imma Joseph ma kienx qalilha li l-flus tal-bejgħ tad-dar kienu daħlu għandu. Iżda hi kienet taf li Anna Bonello tat il-flus lil Joseph għax Anna kienet qaltilha li l-flus kienet tagħthom "lit-tifel u hi Mary Lourdes kenet taf li tathom lil Joseph.... għax staqsiet lili stess jekk tagħthiex xi flus, u jien ghetlu mitt ewro tajtha u bdiet tirrabja".

89. Issa huwa minnu li fit-testment tagħha Anna Bonello ma ħalliet ebda legat kumpensatorju lil Joseph Micallef jew lil missieru. L-anqas ma jirriżulta li, minkejja dak li qalu dwar il-fatt li kienet twiegħed lil Joseph li se ttih dan il-post, li dan effettivament kien ingħata jew inkiteb f'isem Joseph. Anzi jirriżulta li dan il-post kien ġie mibjugħ lil terzi u mhux ingħata lil Joseph.

90. Biss kien il-konvenut stess li kien deher fuq il-kuntratt tal-bejgħ ta' dak il-post favur terzi – anke jekk suppost kien jaf li suppost oħtu Anna Bonello kienet allura, skonthom, wegħdet diversi drabi u qalet diversi drabi, anke mal-barranin, li dak il-post riedet tħallih lil Joseph b'ringrazjament għal dak kollu li għamlu magħhom. Iżda mix-xiehda ta' Anthony Micallef, Joseph Micallef kif ukoll minn dik ta' Denise Balzan, jirriżulta li minkejja dan, meta kienet għadha ħajja u f'sensiha, Anna Bonello riedet li almenu l-flus miġjuba mill-bejgħ tal-post de quo jingħataw lil Joseph b'ringrazjament għal dak li għamlu magħha.

91. Hawnhekk allura hawn sitwazzjoni li wkoll kienet teħtieġ iżjed provi ċari dwar l-intenzjoni ta' Anna Bonello. Għalkemm dawn ix-

xiehda jgħidu li din riedet tħalli l-post lil Joseph b'ringrazzjament għal dak li kienu għamlu magħha, fl-aħħar mill-aħħar dan ma għamlitux. Issa mix-xiehda tal-attriċi jirriżulta li verament li Anthony Micallef kien jieħu ħsieb lil Anna Bonello. Allura huwa verosimili li f'dan il-kuntest familjari Anna Bonello, li kienet taf kemm setgħet tafda f'ħuha u f'ibnu, setgħet taħseb ukoll li tikkumpensahom ta' dak li kienu jagħmlu magħha. Prova indipendenti li l-konvenut u ibnu kienu jagħmlu ħafna mal-familja t'Anna Bonello tirriżulta mix-xiehda ta' Rita Seguna. Huwa verosimili wkoll għalhekk li Anna Bonello setgħet kienet disposta li tagħti xi flus – anke mill-bejgħ tal-post - lill-konvenut jew lil Joseph b'kumpens għal dak li għamlu magħha.

92. Biss f'dan il-każ, il-konvenut u l-kjamat in kawża naqsu juru eżattament x'għamlu ma Anna Bonello matul dawk is-snin kollha li qalu li kienu jieħdu ħsiebha. Prova konkreta u dokumentarja dwar dan naqsu milli jipproduċuha fl-atti. Għalkemm fit-talba rikonvenzjonali huma kienu wkoll lesti jissottomettu din it-talba għal perizja, ebda perit ma ġie mitlub jitqabbad f'dan il-każ biex jiddetermina l-eżistenza u l-quantum ta' dak li kellu jkunu s-serviġi u l-kumpens ġust għal tali serviġi reżi. Biss din il-Qorti xorta tqis kredibbli x-xiehda li f'dan il-kuntest familjari diffiċli Anna Bonello setgħet tipprospetta verament xi forma ta' kumpens għall-konvenut jew għal ibnu.

93. Il-problema hija li f'dal każ kien hemm vakum fil-provi dwar ir-raġuni għaliex Anna Bonello ma żammitx mal-kelma tagħha li tħalli dan il-post lil Joseph Micallef. Dan setgħa jkun dovut għal diversi raġunijiet. Fosthom jista' jkun hemm li l-attriċi – in kwantu kienet sid tal-fond flimkien m'ommha ma kienetx taqbel ma dik il-proposta. Dan allura jista' jispjega għaliex Anna Bonello ma kienetx tista' twettaq dak li kellha f'moħħha ossija li tħalli l-post lil Joseph Micallef in kwantu ma kienetx sid uniku tal-post. Biss din hija ipoteżi li mhix sorretta mill-provi.

94. Mill-banda l-oħra, din il-Qorti ssibha diffiċli temmen kif, dato l-grad ta' qrubija u familjarita li jirriżulta li kienet teżisti bejn l-attriċi l-konvenut u ibnu, hija verament setgħet ma tkunx taf li l-post de quo kien ġie mibjugħ lil terzi – aktar u aktar jekk hija kellha toħroġ minnu biex tmur toqgħod f'post ieħor faċċata. Biss biss jirriżulta mill-provi li dan il-fond twaqqa u minfloku inbnew is-soliti blokk t'appartamenti u penthouse. Din il-Qorti diffiċli tifhem kif l-attriċi ma kienetx konxja ta' dan.

95. L-anqas din il-Qorti ma tista' tifhem kif din il-proprjeta inbiegħet fi Frar 2015 u t-talba għal rendikont saret mill-attriċi b'ittra legali tas-6 ta' Jannar 2020, segwiti b'żewġ ittri uffiċjali separati tas-27 ta' Jannar 2020 u segwiti b'kawża għal restituzzjoni tal-flus pretiżi mill-attriċi (mingħajr talba għal rendikont formali) preżentata fis-6 ta' Frar 2020.

96. Li r-relazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenut, jekk mhux ukoll m'ibnu kienet qegħda għaddejja minn xi żminijiet turbolenti, wieħed jista' jiddeżumiha mill-fatt li fil-31 ta' Mejju 2017 l-attriċi kienet ħasret il-prokura li kienet tat lill-konvenut u lil ibnu fis-27 ta' Lulju 2012. Anke hawn mill-provi ma jirriżultax x'wassal biex ikun hemm din ir-rottura u r-raġuni għaliex. Għal darb'oħra fl-atti m'hawnx prova jekk dak inhar l-attriċi kienetx diġa talbet rendikont lill-konvenut jew lil kjamat in kawża dwar dan il-bejgħ jew il-flus tal-bank. Iżda ladarba ħasset li kellha tħassar il-prokura li kienet tagħthom, sinjal li probabbilment bejniethom l-affarijiet ma kienux sew. Iżda ma nġiebet ebda prova li turi jekk l-attriċi kienetx għamlet xi talba għal rendikont dwar il-flus tal-bejgħ jew talba għalihom u/jew għall-flus tal-bank f'dak il-punt. Il-konvenut, il-kjamat in kawża u Denise Balzan jgħidu li dan ma sarx. U fil-verita huwa veru stramb kif dan ma sarx u tħalla biss għal kważi egħluq ħames snin minn meta inbiegħ il-fond biex jintalab rendikont.

97. Dan in-nuqqas jekk xejn isaħħaħ l-argument tal-konvenut u l-kjamat in kawża li fil-fatt l-attriċi ma għamlet ebda talba għal rendikont sempliċiment għaliex kienet infurmata, minn ommha li kienet għadha ħajja, dwar dak li ommha riedet tagħmel u għamlet. Biss anke hawn il-provi huma konfliġġenti għall-aħħar. Il-Qorti temmen li ż-żewġ partijiet, għal raġunijiet differenti, mhux jagħtu l-istampa sħiħa ta' dak li verament ġara bejniethom.

98. Il-Qorti filwaqt li temmen li Anna Bonello kienet tafda lill-konvenut u lil ibnu u li verosimilment setgħet riedet b'xi mod turi l-gratitudni tagħha lejn l-għajnuna li kienu jtuha, mill-banda l-oħra ma nġibux provi sodi dwar dak li hija riedet tagħmel u għamlet nonche dwar kemm hija kienet lesta ttihom. L-anqas ma l-konvenut u l-kjamat in kawża ġabu provi sodi dwar x'servizzi kienu rrendew lill-Anna Bonello u kemm kienet il-pretensjoni tagħhom għal serviġi reżi minnhom. Donnhom jistrieħu fuq il-fatt li skonthom Anna Bonello, darba li l-fond ġie mibjugħ lil terzi, kienet għażlet li tiġbor il-flus kollha mir-rikavat tal-bejgħ f'idha,

biex imbagħad tgħaddihom kollha lil Joseph Micallef bħala ringrazjament għal dak li kienu għamlu magħha, u waqfu hemm.

99. Issa jekk Anna Bonello kienet ħadet din id-deċiżjoni, kif isostnu li għamlet il-konvenut, kjamat in kawża u Denise Balzan, ġaladarba hija kienet ħajja u preżumibbilment mentalment tajba, hija kienet ħielsa li tieħu dik id-deċiżjoni u flusha ttihom lil min trid u għall-liema raġuni trid. Biss Anna Bonello kienet ħielsa tagħmel dan minn flusha, u mhux ukoll minn flus li kellha f'idha, iżda li ma kienux kollha tagħha.

100. Kif ingħad iżjed il-fuq, ġie pruvat fuq bilanċ ta' probabilitajiet li l-fond li ġie mibjugħ kien jappartjeni lil Anna Bonello u lil bintha flimkien. Dan allura jfisser li meta Anna Bonello għażlet, skont it-teżi tal-konvenut, l-kjamat in kawża u Denise Balzan li tagħti dak l-envelope bil-flus rappreżentanti r-rikavat tal-bejgħ lil Joseph Micallef, hija kienet qegħda tgħaddilu kemm is-sehem tagħha minn dak ir-rikavat kif ukoll is-sehem ta' bintha minn dak ir-rikavat.

101. Stando ma dak mistqarr mill-attriċi f'dan il-każ, hija ma kienetx żgur tat il-kunsens tagħha biex dak is-sehem tagħha jiġi wkoll mogħti lil Joseph Micallef. Hija qegħda tagħmel din il-kawża anzi għax tippretendi li għandha tingħata r-rikavat sħiħ. Daqskemm tippretendi li għandha tirċievi l-flus kollha li kienu depożitati fil-kont bankarju t'ommha. Din il-kawża semmai turi li l-attriċi ma riedet qatt li sehemha mir-rikavat tal-bejgħ jgħaddi għand Joseph Micallef, anke jekk ommha setgħet trid dan. Biss ommha setgħet tiddisponi minn ħwejjiġha kif trid, u mhux ukoll minn ħwejjeġ bintha.

102. Issa l-attriċi tgħid li ma kienx mis-sewwa li ommha tat dawn il-flus lil Joseph Micallef, u tipprova xxejjen din il-verżjoni billi tattakka l-kredibilita tax-xiehda tal-konvenut, kjamat in kawża u Denise Balzan. Iżda bid-dovut rigward, l-attriċi ma ġabet ebda prova oġġettiva kontra din t-teżi, għajr ħlief l-argument li din hija verżjoni inverosimili u li tistrieħ fuq ċerti inkonsistenzi fix-xiehda tal-konvenut, kjamat in kawża u Denise Balzan. L-attriċi ma ġabet ebda prova li turi li ommha ma tatx dawk il-flus lil Joseph Micallef kif jgħidu l-konvenut, ibnu u l-ex partner tiegħu.

103. Din il-Qorti mill-banda l-oħra filwaqt li tifhem li l-attriċi ma riedetx tħallas lill-konvenut jew lil ibnu għal serviġi reżi lilha, mill-banda l-oħra tqis li dan ma jfissirx li ommha ma setgħax kellha dik

ir-rieda li b'xi mod tikkumpensa lil ħuha u lil ibnu għal dak li hi kienet temmen li kienu għamlu magħha ħuha u neputiha meta kellha bżonnhom. Din il-Qorti tqis li huwa verosimili li Anna Bonello kellha din ix-xewqa. Huwa biss li l-konvenut ma ġabx prova konkreta tal-entita tas-serviġi reżi u tall-quantum ta' dak li kien pretiż minnu għajr ħlief għall-fatt li jgħid li oħtu għamlet bi flusha kif ħasset u riedet u tagħthom lil ibnu. Biss kif intqal, minn dawk il-flus riċevuti minn oħtu, hija setgħet tagħti biss is-sehem tagħha ta' nofshom lil Joseph Micallef, bil-kumplament tan-nofs l-ieħor kellhom jiġu mogħtija lill-attriċi in kwantu dawk kienu sehemha mir-rikavat.

104. Issa kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-flus kontenuti fil-kontijiet bankarji, din il-Qorti diġà irreferiet għax-xhieda relevanti ta' Johanna Bartolo, in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc u għad-dokumenti u statements bankarji esebiti fl-atti. A skans ta' ripetizzjoni, issir referenza għall-kopja tal-'Bills Payable' datat 5 ta' Awissu 2015 fl-ammont ta' €12,429.37, fol 150 tal-proċess fejn jidher li dan tħallas lil "Abela and Abela Notaries" u dan l-ammont inħareġ mill-assi tal-kont bankarju ta' Anna Bonello, iżda ma nġiebet ebda prova dwar x'ġara minn dawn il-flejjes.

105. Stante li f'dak l-istadju Anna Bonello kienet mietet, il-konvenut ma setgħax jaġixxi bil-prokura tagħha iżjed. Huwa l-anqas ma ġie konfermat fir-rwol ta' eżekutur testamentarju u ma jirriżultax li huwa aġixxa ta' eżekutur testamentarju. Jekk xejn huwa baqa' jaġixxi bil-prokura f'isem l-attriċi. Iżda l-provi dwar x'azzjonijiet għamel b'dik il-prokura – għajr għall-fatt li rrapreżentaha fuq l-att tat-trasferiment *causa mortis* – ma hemmx fil-proċess. Biss mix-xiehda ta' Denise Balzan a fol 265 jirriżulta li kienet hi stess li kienet ħadet lill-attriċi l-Bank of Valletta biex tistaqsi dwar dawn il-flejjes u x'sar minnhom. Jidher li dawn tħallew fir-responsabilita tal-attriċi li tivverifika dwarhom, iżda x'sar minnhom mhux magħruf.

106. F'dan is-sens allura dil-Qorti ma tistax tqis li hemm provi sal-grad tal-probabbli li juru li l-konvenut għandu jiġi ritenut responsabbli għar-restituzzjoni ta' dan l-ammont dato li l-attriċi ma wrietx sodisfaċentement li dawn il-flejjes ma ġewx mogħtija lilha b'xi nuqqas tal-konvenut jew tal-kjamat in kawża fil-kwalita tagħhom ta' prokuraturi tal-attriċi. Ma ġiex soddisfaċentement li l-konvenut jew il-kjamat in kawża kienu direttament involuti fil-likwidazzjoni tal-kont bankarju relattiv jew li ingħataw xi struzzjoni

speċifika mill-attriċi dwar kif hija xtaqet tiddisponi minn dawn il-flejjes.

107. B'riferenza għall-iżbank li sar mill-kont bankarju ta’ Anna Bonello bil-prokura li kellu Anthony Micallef, ma jirriżultax li dan ta xi rendikont formali, in kwantu ma esebixxa ebda riċevuti tal-funeral u lanqas esebixxa riċevuti għall-ħlas ta' djun kif sostna u allega li huwa ħallas għan-nom tad-defunta Anna Bonello u għan-nom tal-istess attriċi. Għalkemm huwa verosimili li kien il-konvenut li ħallas l-ispejjeż marbuta mal-funeral ta’ Anna Bonello u spejjeż oħra marbuta magħha u familtha, il-konvenut naqas milli jippreżenta evidenza li turi bil-fatti u bil-provi xi ħlasijiet huwa effettwa skont kif minnu mistqarr u skont kif kien obbligat li jagħti rendikont skont il-Liġi lill-attriċi.

**EĊĊEZZJONI PRELIMINARI GĦAT-TALBIET RIKONVENZJONALI DWAR SERVIĠI.**

108. Dawn il-konsiderazzjonijiet iżjed il-fuq imsemmija saru fl-isfond fattwali kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba. Jeħtieġ pero issa l-Qorti tagħrbel l-eċċezzjonijiet sollevati għall-fini tal-kontro-talba.

109. Fir-risposta tagħha, għat-talbiet rikonvenzjonali l-attriċi eċċepit preliminarjament li hija mhix il-leġittimu kontradittur għat-talba għall-ħlas ta' serviġi reżi lid-defunta Anna Bonello imma se mai, hija l-eredità tad-defunta Anna Bonello il-leġittimu kontradittur ta' tali talba.

110. L-eredità tad-defunta Anna Bonello hija regolata permezz tat-testment tat-30 ta' April 2012 fol 18, fejn l-attriċi Mary Lourdes Bonello tħalliet bħala unika eredi universali. Għaldaqstant, in kwantu hija l-unika eredi universali hija Maria Lourdes Bonello, din l-eċċezzjoni preliminari ma treġix wisq u hija ma tistax issostni li mhix il-leġittimu kontradittur għal talba għall-ħlas ta' allegati serviġi reżi lil Anna Bonello, għaliex hija direttament effettwata u għandha l-interess ġuridiku neċessarju referibbilment għal dawn it-talbiet rikonvenzjonali.

**Għaldaqstant il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari għat-talbiet rikonvenzjonali dwar serviġi.**

111. L-attriċi rikonvenzjonata sostniet ukoll li t-talba għall-ħlas ta' serviġi hija preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwennali, anke għaliex qabel il-mewt tad-defunta fit-28 ta' Frar 2015, Anna Bonello kienet għamlet snin ġo residenza għall-anzjani u l-ħtiġijiet tagħha kollha kienu ġew indirizzati kollha mill-amministrazzjoni ta' dik id-dar.

112. Fis-sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi rikonvenzjonata sostniet li l-perjodu preskrittiv għat-talba ta' kumpens għal serviġi skond id-dettami tal-artikolu 2156f tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak ta' ħames snin mid-data minn meta s-serviġi allegatament ġew reżi. F'dan ir-rigward, fis-sottomissjonijiet saret referenza għall-kawża **Agostino Pace et vs. Antonio Agius nomine** deċiża fis-17 ta’ Jannar 1955, fejn ingħad, li l-azzjoni għall-ħlas ta' serviġi huwa r-restituzzjoni ta' spejjeż għal somministrazzjoni magħmula lil persuna servuta, tippreskrivi ruħha f' ħames snin u fiċ-ċirkostanza li serviġi jew somministrazzjonijiet ikunu kontinwi jew bla interruzzjoni, mhux biżżejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. Ġie sostnut ukoll, fl-istess sottomissjonijiet li, l-preskrizzjoni kwinkwennali fil-każ ta' serviġi, tibda tiddekorri mill-mument illi tali serviġi jingħata. Ġie sottomess li l-ewwel darba li Anthony Micallef għamel talba għal ħlas ta' serviġi, kienet fil-preżenza tal-kontro-talba fis-27 ta' Frar 2020, għalhekk it-talba saret preċiżament ħames snin nieqes ġurnata mill-mewt tad-defunta Anna Bonello.

113. Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza li t-talba għall-ħlas ta’ serviġi tiddekadi bil-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jiddisponi li:

> L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku - jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin.

114. Fl-appell superjuri **George u Georgina Sciberras et vs. Josephine Spiteri et** (438/1993/2) deċiż fl-1 ta' April 2005, ingħad hekk:

> Il-ġurisprudenza in materja hija waħda kostanti fis-sens li hemm lok għall-preskrizzjoni f'każijiet ta' serviġi jew prestazzjonijiet oħra, avolja jkun hemm kontinwazzjoni tagħhom, u l-qrati tagħna anke f' każijiet reċenti japplikaw il-preskrizzjoni kwinkennali meta kontinwità tas-serviġi.[12] Dan il-prinċipju ġie

[12] Ara sentenza preliminari tal-Qorti tal-Appell fil-kawża **Giovanna Caruana vs. Salvino Scicluna et** deċiża fl-4 ta' Ġunju 1948. Vol. XXXIII.I.285. Ara wkoll **Joseph Baldacchino et vs. Maria Victoria**

ribadit fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Jannar 1955 fil-kawża **Agostino Pace et vs Antonio Agius noe** (Vol. XXIX.II.515, fejn jingħad espressament li ' *l-azzjoni għall-ħlas ta' serviġi huwa restituzzjoni ta' spejjeż għal somministrazzjonijiet magħmula lil persuna servuta tippreskrivi ruħha f' ħames snin; u ċ-ċirkostanza li s-serviġi jew somministrazzjonijiet ikunu kontinwi, jew bla interruzzjoni hi, m'hux biżżejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwità jew reiterazzjoni tas-serviġi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, għalkemm aċċettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu għas-serviġi jew somministrazzjonijiet anterjuri. Għaliex l-att ta' persuna li taċċetta mill-ġdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal għal ammissjoni ta' debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew għal rikonoxximent tad-drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew għal xi rinunzja għall-preskrizzjoni ta' dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri*.'

115. Anthony Micallef isostni li s-serviġi li qed jitlob il-ħlas tagħhom ġew reżi fuq perjodu ta' ċirka għoxrin sena matul il-ħajja ta' Anna Bonello. Fil-ħmistax-il premessa tiegħu Anthony Micallef igħid li huwa saħansitra baqa' jwettaq serviġi anke wara l-mewt ta' Anna Bonello, peress li huwa ħa ħsieb il-funeral tagħha, ħallas kollox li kellha pendenti, u kif ukoll ħallas il-*causa mortis*. F'dan il-kuntest, u dejjem fir-rigward ta' dak sostnut u allegat fil-ħmistax-il talba, is-serviġi ġeneralment jiġu ipprestati sakemm il-persuna li lilha ġew reżi l-allegati serviġi għadu ħaj.

116. Anthony Micallef, donnu qed jippretendi f'dan il-każ, illi dawk l-atti li huwa wettaq peress li kellu l-prokura sabiex iwettaq dawn l-atti, donnu qed jippretendi li kienu wkoll serviġi. Għalhekk, din il-qorti hija tal-fehma, li dak mitlub fil-ħmistax-il premessa rikonvenzjonali m'għandux jiġi milqugħ, għaliex qed jiġu imħallta żewġ kunċetti kompletament distinti minn xulxin, ossija il-kunċett ta' serviġi u l-kunċett fejn Anthony Micallef aġixxa abbażi tal-prokura sabiex jaġixxi u jiġġestixxi l-fondi appartenenti lil Anna Bonello.

117. Anthony Micallef qajjem il-punt tas-serviġi meta ġiet istitwita din il-kawża, u ippreżenta l-kontro-talba tiegħu fis-27 ta' Frar 2020. Anna Bonello mietet fit-28 ta' Frar 2015. B'hekk it-talba għal serviġi ġiet istitwita ħames snin nieqes ġurnata mill-mewt tad-defunta Anna Bonello, l-aħħar data li allegatament, ġew reżi xi serviġi.

---

**Dedomenico et** (1075/1998/1) deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-30 ta' Novembru 2007. Ara **Maria Theresa Cordina et vs Salvatore Abdilla** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-21 ta' Frar 1994.

**Għaldaqstant din il-qorti tqis li t-talba għal serviġi mhix preskritta u għalhekk il-Qorti sejra tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-attriċi rikonvenzjonata.**

118. Il-pretensjoni ta' Anthony Micallef, fil-kontro-talba tiegħu, strettament għandha tiġi limitata biss għall-aħħar ħames snin qabel il-mewt ta' Anna Bonello.[13]

119. Fir-rigward ta' dan il-perjodu jirriżulta li l-konvenut u ibnu kienu l-eqreb nies lejn Anna Bonello u bintha l-attriċi. Skont ix-xiehda ta' Dr. Mario Mifsud,[14] in rappreżentanza tad-Dar tal-Anzjani ġewwa l-Imtarfa, id-defunta Anna Bonello kienet ġiet rikoverata hemmhekk fl-10 ta' Diċembru 2014 sad-data tal-mewt tagħha fit-28 ta' Frar 2015. Għaldaqstant, jidher li ma kinitx rikoverata hemmhekk għal snin kif eċċepit fir-risposta għall-kontro-talba ta' Anna Bonello iżda qabel il-mewt tagħha hija kienet rikoverata hemmhekk għall-aħħar xhur ta' ħajjitha. Fix-xiehda tiegħu, Dr. Mario Mifsud, sostna li fi żmien li kienet hemmhekk kienu jaraw għall-ħtiġijiet kollha tagħha fosthom ikel, ħasil tal-ħwejjeġ, u kull ma kienet teħtieġ.

120. Evidentement, sabiex wieħed jissostanzja t-talba għal serviġi, bi provi jeħtieġ illi jipprova x-xogħol ta' serviġi reżi, l-ammont ta' xogħol u l-ispejjeż involuti. F'dan il-każ ma tressqux provi speċifiċi dwar allegati serviġi ipprestati qabel Anna Bonello iddaħħlet fil-

---

[13] Ara f'dan is-sens **Anthony Brincat u martu Rita Brincat v. Dr Renzo Porsella Flores u P.L. Davina Sullivan li b'digriet tat-3 ta' Lulju, 2012, ġew nominati bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw ilwirt battal ta' Salvatore Grima li miet fis-27 ta' Novembru 2009** fejn ġie deċiż hekk:

> Dan jingħad għaliex, jekk min irċieva sservizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal ilpreskrizzjoni tal-pretensjoni għall-ħlas magħmula minn min ikun ta sservizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien talpreskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xiħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur, dak il-legat għandu ssaħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens12. Iżda fejn l-għarfien ma jkunx sar b'att pubbliku, il-kwestjoni tieħu xejra oħra. Lgħarfien mhux bilfors iseħħ b'kitba f'dan is-sens, iżda jista' jsir bil-fomm13 , għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu14;
>
> 22. Illi madankollu f'dan ir-rigward il-fatt waħdu li l-persuna debitriċi talobbligazzjoni tkun baqgħet taċċetta l-qadi li jkun sar magħha mhux dejjem jissarraf fl-għarfien tal-obbligazzjoni tagħha lejn min ikun qiegħed jaqdiha. Kemm hu hekk qamet matul is-snin il-kwestjoni jekk kemm-il darba dik laċċettazzjoni twaqqax il-preskrizzjoni dwar serviġi li jkunu ngħataw fi żmien ta' qabel15. Jidher li x-xejra preponderanti tad-deċiżjonijiet f'dan irrigward hi fis-sens li dik l-aċċettazzjoni ma żżommx ħajja l-pretensjonijiet ta' kumpens dwar serviġi li jkunu saru fi żmien aktar qabel minn ħames snin. Għalhekk, f'dak il-każ, iż-żmien li jrid jitqies għall-ħlas tal-kumpens irid ikun l-aħħar ħames snin qabel ma dak il-qadi jkun intemm16. Meta lpersuna li magħha saru s-serviġi tkun hekk baqgħet tingħata s-serviġi sa ma mietet, dak iż-żmien jitkejjel minn ħames snin qabel il-mewt tagħha17;

[14] Fol 117 et sequitur.

home fl-Imtarfa. Ma jirriżultax b'ebda mod illi Anna Bonello kienet toqgħod ma’ Anthony Micallef. Kuntrarjament, mill-provi kif ammess mill-istess Anthony Micallef, ikkonferma li oħtu kienet toqgħod flimkien ma' bintha l-attriċi, iżda huwa kien ħa d-deċiżjoni li tiddaħħal f'home biex ikun hemm min idur biha kif meħtieġ. Inoltre, ma jirriżulta li ġie esebit ebda prospett ta' spejjeż allegatament inkorsi minn Anthony Micallef, fl-allegat prestazzjoni ta' servigi.

121. Fl-affidavit tagħha Rita Seguna,[15] issemmi drabi meta Anna Bonello xi drabi, kienet waqgħet, u kienet tirrikorri għall-għajnuna ta' Anthony Micallef jew ibnu Joseph sabiex jiġu u jerfawha għaliex hi ma kinitx kapaċi tqandilha weħidha. Minbarra dan, hija ssemmi l-istess ħaġa kif għamlet Denise Balzan, ripetutivament fix-xhieda tagħha, li Anna Bonello kienet infurmata li ser tirringrazzja lill-iben Anthony Micallef billi tħallilu l-post 65, 66 fi Triq San Pawl tal-Pitkali Ħad-Dingli. Il-prova tas-serviġi fil-mertu, kellha ssir fuq is-serviġi allegatament imwettqa. Fil-fatt skont ix-xiehda tal-konvenut, il-kjamat in kawża u Denise Balzan, Anna Bonello kienet wetqet dan billi tat lil Joseph Micallef l-envelope bir-rikavat tal-bejgħ.

122. Biss dan ir-rikavat kien jikkontjeni fih ukoll is-sehem ta’ bintha li kien allura l-ammont ta’ €75,000. Oltre minn hekk ladarba Anna Bonello kienet għada ħajja meta seħħ dan il-fatt, hija kellha l-liberta’ li tiddisponi minn ħwejjiġha kif xtaqet u b’hekk ma kien hemm xejn li jżommha li tagħti kumpens lil Joseph Micallef għal dak li hija kienet tħoss li hu u familtu għamlu magħha. Iżda ma setgħetx tagħmel dan bi flus bintha wkoll. Għalhekk anke jekk Anna Bonello setgħet ħasset li kellha tikkumpensahom għal dak li setgħet kienet temmen li għamlu magħha, f’kawża għal ħlas ta’ serviġi kien xorta waħda jinkombi fuq min jippretendi l-ħlas ta’ tali serviġi li juri bil-provi l-entita ta’ tali serviġi reżi kif ukoll il-kwantum li jkun qiegħed jippretendi.

123. Biss il-konvenut, u anke l-kjamat fil-kawża naqsu milli jipproduċu provi speċifiċi dwar kemm eżattament irrendew serviġi u l-valur ta’ dak li kienu qegħdin jippretendu li jitħalsu għal dak li għamlu ma Anna Bonello, oltre dak li hija kienet għażlet li tati lil Joseph Micallef. Fi kwalunkwe każ, ġaladarba l-Qorti qieset li Anna Bonello kellha s-setgħa li tati lil Joseph Micallef bħala

[15] Fol 295.

rikonoxximent ta’ dak li għamlu magħha, mill-banda l-oħra dan ifisser ukoll li għal dak li għamlu magħha, huma ġew ukoll kumpensati diġa minnha meta kienet għadha ħajja, anke peress li hija mietet tliet ġimgħat wara li kienet allura għaddiet dawk il-flejjes lil Joseph Micallef li kienu allura, skont it-teżi tal-istess konvenut u kjamat in kawża u x-xiehda tagħhom b’rikonoxximent għas-servizzi ġja reżi minnhom.

124. In vista ta’ dawn ir-riżultanzi il-Qorti tqis li t-talba għal ħlas ta’ serviġi għandha tiġi miċħuda, in kwantu għal dak li huma serviġi li irrendew lil Anna Bonello, jirriżulta li kienu diġa ġew kumpensati minnha stess matul ħajjitha.

**Għaldaqstant, l-ewwel talba rikonvenzjonali, f'dan ir-rigward sejra tiġi miċħuda.**

125. Il-konvenut rikonvenzjonant Anthony Micallef sostna li huwa kien għen lill-attriċi rikonvenzjonata biex tbiegħ il-fond bin-numri 65 u 66 fi Triq San Pawl tal-Pitkali f' Ħad-Dingli, billi fil-fatt bil-permess tagħha u bis-saħħa tal-prokura datata 28 ta' Novembru 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela deher għan-nom ta' oħtu Anna Bonello u għan-nom ta’ Mary Lourdes Bonello filwaqt li kien sab il-bejgħ għal dan il-fond, baqa' ma tħallasx tas-senserija. Fil-fatt it-tieni talba rikonvenzjonali hija dik fejn talab li jiġi mħallas ta’ din is-senserija.

126. Fir-risposta tagħha għall-kontro-talba l-attriċi rikonvenzjonata sostniet li t-talba għal senserija hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(e) tal-Kodiċi Ċivili. Inoltre ġie eċċepit, li is-senserija tal-bejgħ *de quo* hija dovuta lil terzi u mhux lil Anthony Micallef. Di piu, ġie sostnut li huwa ferm dubjuż jekk mhux ottuż, li persuna li għandha l-prokura tamministra l-assi bħala *bonus pater familias* topera fl-interessi personali kummerċjali u għamilha ta' sensar biex tbiegħ dik il-propjetà li ġiet fdata lilu biex jamministraha bħala *bonus pater familias*.

127. L-artikolu 2148(e) tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-azzjonijiet tas-sensala, għad-dritt tas-senserija, jaqgħu bil-preskrizzjoni ta’ tmintax il-xahar.

128. Jibda biex jingħad, li l-kuntratt ta' bejgħ tal-5 ta' Frar 2015 quddiem in-nutar Robert Micallef tal-fond 65 u 66 fi Triq San Pawl

tal-Pitkali f' Ħad-Dingli, għal liema bejgħ Anthony Micallef qed jippretendi ħlas ta' senserija, kien ilu li ddekora ħafna aktar minn 18 il xahar mid-data tal-preżentata tat-talba rikonvenzjonali ossija fis-27 ta' Frar 2020.

**Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, fir-rigward tal-pretensjonijiet ta' ħlas għal senserija sejra tiġi milqugħa.**

129. F'kull każ, din il-qorti ssib li fil-mertu, it-talba rikonvenzjonali għal senserija ma treġix u mhijiex b'ebda mod ippruvata. Fil-fatt, fix-xhieda tiegħu tat-28 ta' Jannar 2021, Gerald Muscat, li xtara l-fondi numri 65 u 66 fi Triq San Pawl tal-Pitkali, f'Ħad-Dingli mertu ta' din l-azzjoni, ikkonferma li kien ħuh li ressqu lejn Anthony Micallef imbagħad sussegwentement mar jara il-fondi in kwistjoni.

130. Inoltre, din il-qorti ma tistax ma tinnutax li ferm wara d-data tal-bejgħ tal-imsemmi fondi, u biss meta rinfaċċat bil-procedura odjerna, Anthony Micallef ħareġ bit-talba u l-pretenzjoni għas-senserija. Di piu, kif diġà ribadit aktar il fuq fit-talbiet rikonvenzjonali preċedenti Anthony Micallef donnu qed iħallat il-kunċett li huwa jamministra bħala *bonus pater familias* abbażi ta' prokura, ma kunċett ieħor fil-liġi, li huwa kompletament distint.

**Konsegwentement il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni kontra t-talba rikonvenzjonali dwar senserija filwaqt li sejra tiċħad l-istess talba.**

# Deċide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, filwaqt li tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Micallef li kienu għadhom ma ġewx deċiżi u kif ukoll tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża Joseph Micallef li kienu għadhom ma ġewx deċiżi preċedentement, il-Qorti sejra tilqa' <u>limitatament</u> l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi u għaldaqstant tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attriċi fl-ammont totali ta' wieħed u tmenin elf, disa' mija tmenin euro sitta u tletin ċenteżmu (€81,980.36) li huma maqsumin kwantu għas-somma ta' ħamsa u sebgħin elf euro (€75,000) rappreżentanti s-sehem tal-attriċi mir-rikavat tal-bejgħ tal-**

**fondi 65 u 66, fi Triq San Pawl tal-Pitkali Ħad-Dingli u li ma ġiex mgħoddi lilha wara li l-konvenut kien irċevieh bħala s-sehem tagħha mir-rikavat tal-bejgħ tal-istess fond, bl-imgħax legali mid-data tal-5 ta' Frar 2015 u fl-ammont ta' sitt elef disa' mija tmenin euro sitta u tletin ċenteżmu (€6,980.36) rappreżentanti l-flus ġja kontenuti fil-kont bankarju numru 14601859073 li ingħalaq dakinhar tat-28 ta' Frar 2015 minn Anthony Micallef u li ma ġewx mgħoddija lill-attriċi bħala l-werrieta ta' Anna Bonello, bl-imgħax legali mit-28 ta' Frar 2015 sal-ġurnata tal-pagament effettiv.**

**Inoltre kwantu għal dak li jirrigwarda t-talba rikonvenzjonali:**

**Il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari, filwaqt li tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-attriċi rikonvenuta u konsegwentement tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali,**

**Bl-ispejjeż ikunu a karigu tal-konvenut.**

Ft/Aaron M. Bugeja,
Imħallef

Christianne Borg
Deputat Reġistratur